NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - Għawdex*

Settembru - Ottubru 2007

Nru 158

# MERĦBA



Fil-ħarġa li jmiss
**SUPPLIMENT SPEĊJALI**
**FUQ IL-ĦIDMA TA' MONS. ĠUŻEPPI FARRUGIA**



## MONS. ALFRED XUEREB EQREB LEJN IL-PAPA – Ħajtu fil-qosor

**14 Ott 1958**: Twieled fil-belt Victoria, u xi jiem wara ġie mgħammed fil-parroċċa ta' San Ġorġ. **26 Mejj 1984**: Ġie ordnat presbiteru mill-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi fil-katidral ta' Għawdex, u f'Lulju ta' wara ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-parroċċa ta' San Ġorġ. **1984-1989**: Studja t-Teoloġija Spiritwali fl-Istitut Pontifiċju *Teresianum*, fejn kiseb il-liċenzjat u d-dottorat. Fl-istess żmien wettaq servizz pastorali f'Ruma. **1991**: Inħatar segretarju personali tar-rettur ta' l-Università Pontifiċja tal-Lateran. **1995**: Beda jaħdem fis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan, fejn ingħata l-ġieħ ta' *Cappellano di Sua Santità* u iktar tard intbagħat fuq missjonijiet speċjali fin-Nunzjatura Kanadiża ta' Ottawa. **2000**: Beda jaħdem fil-*Prefettura della Casa Pontificia.* **2003**: Inħatar *Prelato della Anticamera Pontificia* u *Prelato "ad honorem" di Sua Santità.* **11 Sett 2007**: Beda l-ħidma ġdida fil-Palazz Appostoliku bħala assistent personali tal-papa Benedittu XVI, wara li f'Lulju 2007 tħabbret in-nomina tiegħu.

paġna **10**



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

**Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali**

| | |
|---|---|
| 28-07-2007 | **Mathias-George**, iben Leon Muscat u Catherine Xuereb |
| 04-08-2007 | **Timothy-George**, iben Anthony Grech u Anthea Saliba |
| 11-08-2007 | **Mayden**, iben Geffrey Bonnici u Jacqueline Debono |
| 12-08-2007 | **Christine**, bint George Attard u Josianne Sacco |
| 31-08-2007 | **Mariana**, bint Michael Sacco u Josephine Theuma |

**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ**

| | |
|---|---|
| 21-07-2007 | **Deryk Sacco** u **Mariella Pace** |
| 1-09-2007 | **Jonathan Spiteri** u **Georgina Debattista** |
| 15-09-2007 | **George Sacco** u **Greta Pawla Mompalao** |
| 21-09-2007 | **Robert Bartholomeur** u **Heidi Alice Gordon** |

**Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt**

| | |
|---|---|
| 13-08-2007 | **Edith Scicluna** |
| 20-09-2007 | **Ġanna Sacco** |
| 27-09-2007 | **Mons. Salv Borg** |

**IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ:**
**www.stgeorge.org.mt**

**Nifirħu lil...**

• Mons. Alfred Xuereb, li għadu kemm beda l-ħidma tiegħu bħala assistent segretarju personali tal-Q.T. il-papa Benedittu XVI.

• Mons. Ġużeppi Attard, fil-ħatra tiegħu bħala l-arċipriet il-ġdid tal-komunità parrokkjali tal-katidral ta' l-Assunta.

• Kan. Daniel Xerri, eks-kappillan tal-parroċċa ta' San Lawrenz, fil-missjoni ġdida tiegħu bħala rettur tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, fejn qed jirċievu l-formazzjoni tagħhom żewġ seminaristi mill-parroċċa tagħna. Inwiegħdu t-talb tagħna lil Dun Anton Teuma, li fl-aħħar snin kien rettur tas-seminarju, waqt li rroddulu ħajr għall-ħidma li wettaq b'dedikazzjoni kbira b'risq il-formazzjoni tas-seminaristi tad-djoċesi tagħna.

• Daniel Grech, seminarista minn Ta' Kerċem li jinsab fit-tielet sena ta' formazzjoni fis-seminarju tad-djoċesi, li l-isqof din is-sena assenjah biex jagħmel ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna. Nilqgħuh fostna u nawgurawlu ħidma tajba fost iż-żgħażagħ u l-adoloxxenti tagħna. Nirringrazzjaw ukoll lis-seminarista Joseph N. Curmi, għall-ħidma li għamel tul is-sena tiegħu fostna.

**Nirringrazzjaw lil** Joe Attard, Jasmine Grech, Joe Zammit u l-familja Borg li pprovdew ir-ritratti għal din il-ħarġa u għas-suppliment.

# *Editorjal*

## Merħba bik...
## Il-komunità Ġorġjana trodd ħajr, tifraħ u titnikket

Merħba bik, Mons. Cardona. Din hija l-frażi naturali li ħarġet minn fommna meta int ġejt iżżurna l-ewwel darba. Tifraħ bik għaliex inti, wara Mons. Ġużeppi Farrugia, sa tkompli din il-missjoni fdata lilek mill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof u dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana.

Ftit li xejn konna nafuk qabel it-Tlieta 18 ta' Settembru 2007, meta bħal sajjetta fil-bnazzi ġriet l-aħbar li int kont sa tkun l-arċipriet u l-mexxej il-ġdid tagħna. Aħna l-Ġorġjani, min filgħodu u min flgħaxija, ġrejna lejn iċ-ċentru parrokkjali biex naraw il-persuna tiegħek, naraw min int u fuq kollox inkellmuk u nawgurawlek għal dan l-impenn ġdid tiegħek fostna. Żgur li min kien fis-sagristija u fil-bażilika seta' jinnota b'liema ħeġġa l-Ġorġjani ġew biex anki għal ftit sekondi jkollhom possibbiltà jkellmuk u jifirħulek.

Filwaqt li nifirħu, aħna l-Ġorġjani nħossuna obbligati li rroddu ħajr lil Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, għax-xogħol kbir li għamel f'dawn id-disa' snin bħala arċipriet. Indispensabbli, aktar milli importanti, Mons. Farrugia għen biex din l-ewwel bażilika Għawdxija tkompli ssaħħaħ il-post ċentrali tagħha fil-ħajja tal-komunità ekkleżjali u soċjali Għawdxija. Saru diversi proġetti, bħall-bini ta' ċentru parrokkjali ġdid u dar għas-saċerdoti, il-bieb monumentali tal-bronż għall-faċċata tal-bażilika, it-twaqqif ta' radju komunitarju, websajt interattiva u aġġornata, u l-istallazzjoni ta' sistema ġdida tad-dawl, fost tant ħwejjeġ oħra. Dawn il-proġetti saru biex il-parroċċa tkun tista' tilqa' aħjar l-isfidi tal-ħajja moderna.

Għalkemm kulħadd kien qed jistenniha, ħadd ma xtaq jismagħha! Mhux aħna l-Ġorġjani biss, imma dawk kollha li b'xi mod jew ieħor daqu mit-tjubija u l-imħabba ta' Mons. Salv Borg... Il-mota ta' mewt li dwiet mill-kampnari tal-bażilika Ġorġjana ġriet ma' kull riħ u daħlet mill-bibien u t-twieqi tad-djar Għawdxin. Ħafna kienu dawk li wrew is-sogħba tagħhom għal din it-telfa li tant nikktitna. Min niżżel il-bandiera *mezz'asta*, min ħalla xi messaġġ fuq il-websajt tal-parroċċa... imma l-aktar bil-preżenza hekk numeruża fil-funeral li sar fil-knisja parrokkjali li ratu arċipriet tagħha għal għaxar snin. Mijiet kienu li mlew it-toroq tal-belt Victoria biex jagħtuh l-aħħar tislima. Il-banda ċittadina *La Stella* għal din l-okkażjoni ta' niket żanżnet marċ funebri "mitlub" minn Dun Salv stess. Aħna min hawn nitolbu għal Dun Salv filwaqt li nuru s-sogħba tagħna mal-familjari u l-qraba tiegħu.

Lill-arċipriet il-ġdid inwegħduh il-ko-operazzjoni sħiħa tagħna, filwaqt li nibqgħu dejjem grati għax-xogħol li Mons. Borg u Mons. Farrugia għamlu għal din il-bażilika, li tant ħabbew, it-tnejn bil-mod uniku tagħhom.

Grazzi, Mons. Farrugia. Awguri, Mons. Cardona. Insellmulek, Mons. Borg.

# *Messaġġ mill-Arċipriet*
## ***Mons. Pawlu Cardona***

info@stgeorge.org.mt



Insellmilkom.

Billi qed niktbilkom għall-ewwel darba f'din il-ħarġa tar-rivista *Il-Belt Victoria*, nixtieq nintroduċi lili nnfisi magħkom.

Jien ġejt ordnat saċerdot fit-18 ta' Ġunju 1977 minn idejn l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Ma nistax ma niftakarx b'mod partikulari f'żewġ ħuti saċerdoti ordnati miegħi u li ma għadhomx magħna: Dun Louis Bezzina, iben il-parroċċa tagħna, u Dun Joe Galea, mill-parroċċa tal-Fontana, li miet f'Turin.

Wara l-ordinazzjoni tiegħi bħala saċerdot jiena bdejt il-missjoni tiegħi fid-djoċesi ta' Tivoli taħt il-gwida ta' l-E.T. Mons. Guglielmo Giaquinta, illum Qaddej ta' Alla. Huwa tani r-responsabbiltà ta' parroċċa ddedikata lil San Filippu Neri, fil-periferija tad-djoċesi, f'Colle Fiorito di Guidonia, u li ma kinitx tant faċli, nieqsa minn ħafna faċilitajiet. Kienet parroċċa mifruxa ħafna, b'ħames kappelli f'lokalitajiet differenti. Kien hawn li bnejt l-ewwel knisja bid-dar parrokkjali magħha u ċentru għall-pastorali. Għadni niftakar (u napprezza ħafna) l-għajnuna li kienu jagħtuni Dun Effie Masini u Dun Jimmy Xerri fil-*weekends* u fil-festi, fis-snin li kienu qegħdin jistudjaw f'Ruma. L-istess Mons. Salv Borg kien jitla' dejjem fi żmien il-Milied u l-Għid għall-qrar. Kien hawnekk, fil-parroċċa ta' San Filippu Neri, li Mons. Salv Borg kien iddeċieda li jaċċetta li jsir arċipriet tal-parroċċa tagħna. Anki l-membri tal-*Leġjun ta' Marija* ta' Għawdex kienu ġew jagħmlu missjoni fit-territorju tal-parroċċa. F'din il-parroċċa kont għamilt tnax-il sena.

Fl-1989, fuq xewqa ta' dan l-istess isqof Giaquinta, jiena ġejt mogħti parroċċa fil-periferija ta' Ruma fuq Via Nomentana. Kienet iddedikata lil Santa Marija tal-Purifikazzjoni. Bħala knisja kellna garaxx taħt l-art minn mindu ġiet imwaqqfa l-parroċċa, allura mill-1965. Hawn jien għamilt minn kollox biex jinbena spirtu ta' komunità u ħsibt ukoll biex din ikollha lokal xieraq għall-qima u għall-attivitajiet. Filfatt, wara tmintax-il xahar ta' xogħol u bini, fis-7 ta' Novembru 1998 ġiet iddedikata l-knisja l-ġdida f'din il-parroċċa u mogħtija l-isem ta' San Liborju, protettur ta' dawk li jsofru bil-ġebla. Il-knisja kienet ġiet mogħtija bħala rigal lill-papa Ġwanni Pawlu II waqt żjara pastorali li kien qed jagħmel f'Paderborn, fil-Ġermanja, f'Ġunju 1996. Il-Papa għadda dan ir-rigal lill-parroċċa tiegħi.

Il-Ħadd 17 ta' Jannar 1999 kien jum kbir ħafna għalija: il-Qaddej ta' Alla l-papa Ġwanni Pawlu II ġie jagħmel żjara pastorali fil-parroċċa tiegħi ta' San Liborju. Kienet esperjenza meraviljuża u grazzja kbira, mhux biss għalija iżda wkoll għall-membri tal-parroċċa kollha. Dakinhar kienu preżenti miegħi mhux biss il-familja tiegħi iżda wkoll l-arċipriet Ta' Sannat Dun Tarċisju Camilleri u l-mibki Mons. Salv Borg. F'din il-komunità għamilt tmintax-il sena u spiċċajt fit-30 ta' Settembru 2007.

Waqt il-ministeru tiegħi fid-djoċesi ta' Ruma kelli wkoll diversi karigi mogħtija lili mill-kardinal vigarju Camillo Ruini: għamilt żmien bħala prefett ta' l-*Undicesima Prefettura*, u kont membru tal-Kummissjoni ta' l-Arti Sagra u tal-bini tal-knejjes ġodda fid-djoċesi ta' Ruma.

Bħala saċerdot jiena kkonsagrajt ruħi bil-Voti u nagħmel parti minn istitut sekulari saċerdotali li jismu *Apostolici Sodales* u li għandu bħala skop appostoliku l-qdusija fil-ħajja tas-saċerdoti. Dan l-istitut ġie mwaqqaf fl-1962 mill-Qaddej ta' Alla l-E.T. Mons. Guglielmo Giaquinta, li huwa wkoll il-fundatur tal-moviment *Pro Sanctitate*. Wara l-mewt tiegħu fl-1994 ġejt imsejjaħ nieħu r-responsabbiltà ta' l-istitut sekulari, imxerred mad-dinja kollha, sa Frar 2006. Kienu ta għajnuna kbira għalija Dun Tarċisju Camilleri u l-mibki Mons. Salv Borg, membri ta' l-istess istitut huma wkoll. Kienet esperjenza kbira ħafna għalija. Ikkollaborajt ħafna wkoll mal-membri u maċ-ċentri operattivi tal-moviment *Pro Sanctitate* mxerrda mad-dinja kollha.

Kif wasalt għal din l-għażla li nirritorna f'Għawdex u niġi fil-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ Martri? Il-fundatur Mons. Guglielmo Giaquinta kien jgħallimna illi "x-xewqa ta' l-isqof" għalina l-membri ta' l-istitut għandha tkun "ir-rieda ta' l-isqof". Dan ifisser li meta f'Awwissu 2006 l-isqof tagħna Mario Grech talabni nirritorna Għawdex biex nikkollabora miegħu jiena tajtu dritt id-disponibbiltà tiegħi, anki jekk ma kontx naf x'tip ta' servizz sa jitlobni u fejn sa nwettqu. Qiegħed hawn fostkom biex ix-xewqa ta' l-isqof u ragħaj tagħna tiġi mwettqa... qiegħed hawn fostkom f'isem u f'għaqda ma' l-isqof tagħna. Nitlobkom tgħinuni ngħix din il-missjoni tiegħi u itolbu għalija kuljum bħalma nagħmel jien għal kull wieħed u waħda minkom meta nkun quddiem Ġesù Ewkaristija.

Naħseb li fhimtu l-għaliex tal-mawra tiegħi f'Ruma nhar l-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2007, waqt l-udjenza ġenerali mal-Q.T. Benedittu XVI! Il-Papa bierek lilna ż-żewġ arċipprieti tal-belt Victoria, bierek il-missjoni li dħalna għaliha u bierek lil kull wieħed u waħda minnkom li tagħmlu parti u tifformaw il-komunità parrokkjali tal-maħbub tagħna San Ġorġ Martri.

Nixtieq mill-ġdid ngħid "grazzi" mill-qalb lil Mons. Ġużeppi M. Farrugia, arċipriet emeritu, għall-ġid kollu li għamel u għall-imħabba li wera lejkom ilkoll u lejn San Ġorġ.

# ARĊIPRIET ĠDID

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

Dik taqliba! Is-17 ta' Settembru 2007 diffiċli biex ma tibqax data "storika" fil-Knisja lokali: mhux tant minħabba li nbidlu xi kappillani, iżda peress li tbiddlu ħamsa - jiġifieri terz tal-parroċċi Għawdxin. Mela taqliba kbira. Sintendi se nħares biss lejn il-bidla fir-Rabat - u la nħoss li hu l-mument li ngħid xejn dwar il-"mod" kif saret u tħabbret il-bidla u lanqas li nħares lejn xi kummenti li dehru fil-medja. Xi darba nirriflettu fuq għaliex bidla, normalment "ta' rutina", ħolqot tant interess - u wasslet għal tant "ħela" ta' ħin u linka!

Ktibt "bidla ta' rutina". Iva, il-kappillani jitbiddlu - u l-karigi jinbidlu: proċess tal-ħajja! Konna nafu li kienu qegħdin jinbidlu diversi postijiet; konna nafu bir-"regola" djoċesana reċenti li kappillan irid jiġi "minn barra"; konna nafu li Mons. Farrugia kien ilu ftit snin mhux ħażin. Izda xorta x-xokk ħadnieh: bidla b'effett immedjat li donnha ma tatx kas tas-sentimenti! It-Tnejn bil-lejl - u l-maġġuranza t-Tlieta - sirna nafu li r-Rabat ġew żewġ arċiprieti verament "minn barra" - Għawdxin li żmienhom għamluh Ruma u allura mistennija li jkunu *tabula rasa*, bla prekunċetti u preġudizzji. Mingħalija, kienu l-uniċi Maltin b'responsabbiltà ta' parroċċa f'Ruma; allura għandhom biex jarrikkuna – u, bil-kollaborazzjoni ta' kulħadd, jgħinuna naslu għall-ko-ordinament pastorali li ilna nittamaw.

### Mons. Cardona

Dun Pawl Cardona hu minn Ta' Sannat - ir-raħal ta' "megalomartri" oħra: Santa Margerita wkoll tgawdi minn dan it-titlu fil-Knisja Orjentali. Bħal San Ġorġ, insibuha fost it-tużżana qaddisin imsejħin "awżiljari" li hemm devozzjoni qadima lejhom fl-Ewropa ċentrali.

L-ewwel fost ħamest aħwa, twieled fit-22 ta' Jannar 1953 minn Luigi (mejjet) u Rosina. Wara l-primarja (Ta' Sannat) u s-sekondarja, daħal is-Seminarju fl-1971. Mons. Nikol Ġ. Cauchi ordnah saċerdot fit-18 ta' Ġunju 1977 u, mill-ewwel f'Settembru stess, Dun Pawl beda l-ħidma pastorali tiegħu fid-djoċesi ta' Tivoli (l-Italja) - taħt l-isqof Mons. Guglielmo Giaquinta (illum Qaddej ta' Alla). Wara snin kappillan fil-parroċċa ta' San Filippo Neri (Colle Fiorito di Guidonia) fejn bena kumpless parrokkjali, fl-1 ta' April 1989 ġie nominat kappillan tal-parroċċa ta' San Liborio f'Ruma mill-kardinal Ugo Poletti. Anki hawn bena kumpless parrokkjali (barra knisja). Fis-17 ta' Jannar 1999 kellu ż-żjara tal-papa Ġwanni Pawlu II, li għolla l-knisja għat-titlu kardinalizju presbiterali - l-arċisqof ta' Paderborn (fejn San Liborju hu magħdud bħala patrun popolari) inħatar l-ewwel kardinal. Ta' min jinnota li f'Għawdex kien hawn attentati reċenti biex tixtered id-devozzjoni lejn dan l-isqof bħala promotur tal-paċi. Dun Pawl kien apprezzat ferm: il-kardinal Ruini innominah prefett tal-ħdax-il prefettura fid-djoċesi ta' Ruma fl-1997 u fis-sena 2000 sar membru tal-Kummissjoni djoċesana ta' l-Arti Sagra.

Mons. Cardona jagħmel parti mill-istitut sekulari Saċerdotali *Apostolici Sodales*, imwaqqaf minn Mons. Giaquinta, li għandu bħala skop il-qdusija tal-kleru djoċesan. Anzi għex għal snin twal qrib il-fundatur u, ma' mewtu, ġie elett suċċessur tiegħu bħala superjur ġenerali. Dam f'din il-kariga mill-1995 sas-sena l-oħra. Għal perjodu twil kien ukoll assistent ekkleżjastiku nazzjonali tal-moviment *Pro Sanctitate*. Punt ieħor li laqatni hu li hemm konnessjoni ma' San Ġużeppi Labrè li hawn tradizzjoni qawwija li żarna: għandna pittura, u triq!

Kif xi wħud nafu, membru ieħor ta' l-Istitut kien il-mibki Mons. Salv Borg – u anki hu f'pożizzjoni ta' responsabiltà. Filfatt kellhom relazzjoni mill-qrib u Dun Salv baqa' jmur regolarment jgħinu fil-qrar. Fuq l-arċipriet emeritu jixraq inżid li San Ġorġ esperimentajna b'adorazzjonijiet fit-tard ibbażati fuq din l-ispiritwalità. Il-maġġuranza ma konniex nafuh lil Dun Pawl iżda bosta minna konna smajna ħafna pożittiv dwaru: fost l-oħrajn li kien predikatur regolari ta' l-eżerċizzi spiritwali f'diversi pajjiżi.

### Parroċċa u Kappillan

Iżda proprjament x'inhuma l-"kwalifiċi" meħtieġa għal kappillan? Il-Liġijiet tal-Knisja (kanoni 521) isemmu, fost oħrajn, iż-żelu għall-erwieħ, it-tagħlim sod u l-integrità; u sintendi, b'mod ġenerali, li jkollu l-kwalitajiet biex imexxi parroċċa. U parroċċa x'inhi? Il-Katekiżmu jikkwota l-Kodiċi u jispjegalna li hi "komunità preċiża ta' nsara... li fiha l-kura pastorali hi fdata lill-kappillan bħala ragħaj proprju tagħha". Nislet xi ħaġa oħra mill-istess paragrafu (2179): "il-parroċċa ddaħħal il-poplu nisrani fiċ-ċelebrazzjoni tal-ħajja liturġika; tgħallmu d-duttrina; tagħti xhieda ta' l-imħabba ta' Kristu b'għemejjel tajba u ta' mħabba".

Skond it-28 kapitlu (# 226) tad-digrieti tat-tieni Sinodu Djoċesan, "il-kappillani, flimkien mal-kollaboraturi tagħhom, għandhom ikomplu l-missjoni tagħhom ta' tagħlim, ta' taqdis u ta' treġija b'mod li l-insara u l-komunitajiet parrokkjali jħossuhom realment membri mhux biss tad-djoċesi imma wkoll tal-Knisja universali". Dawk preżenti għaċ-ċerimonja tal-pussess ikunu jistgħu jinnotaw kemm ir-riti jiġbru dawn l-elementi.

### Pussess

Mons. Cardona jsir effettivament u uffiċjalment l-arċipriet ta' San Ġorġ fl-4 ta' Novembru iżda sintendi ġa beda ħidmietu. Ftit wara nofsinhar tat-18 ta' Settembru wasal ma' Mons. Isqof Mario Grech u ġie milqugħ minn Mons. Farrugia, u bosta li baqgħu jistennewh. Imbagħad l-għada kkonċelebra ma' Mons. Farrugia l-quddiesa tas-6pm li tixxandar fuq *Leħen il-Belt Victoria* - ċelebrazzjoni li bdiet bil-"preżentazzjoni" mill-Isqof tar-Ragħaj il-ġdid. Innotajna li, għalkemm ma tantx seta' jkun hemm avviż (ħlief id-daqq tal-qpiepen!), kien hemm numru mdaqqas sew fil-bażilika. Dakinhar inzerta kellna *Tombola Get-together* fiċ-Ċentru Parrokkjali

*Ikompli f'paġna 9...*

# "Xi rrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi?" (Salm 116:12)

## X'għadda mingħalija fis-sena intermedjarja tiegħi fl-Iskozja

**Francesco Pio Attard** - francescopio@waldonet.net.mt

Meta nħares lura lejn l-esperjenza tiegħi fl-Iskozja bejn Settembru 2006 u Ġunju 2007 ma jibqa' l-ebda kliem fuq fommi ħlief dak tas-salmista li, meta jħares lejn kif ħadem Alla fil-ħajja tiegħu u tal-poplu Lhudi, jinfexx f'innu ta' tifħir u radd il-ħajr lill-Mulej: "Xi rrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi? Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, u isem il-Mulej insejjaħ…" (Salm 116:12-13). Hu eżerċizzju ta' "memorja" importanti ħafna dan li, fil-fehma tiegħi imma wkoll kif jgħallmuna l-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja, kull Kristjan għandu jagħmel. Il-poplu Lhudi spiss kien iħares lura lejn l-esperjenza intensa ta' missirijietu biex jiftakar fl-għeġubijiet li Alla għamel ma' wliedu, l-aktar fl-istorja tal-ħruġ mill-Eġittu, għalih l-akbar ġrajja ta' fidwa li fiha Alla ndaħal biex jifdih mill-jasar. Dan jagħmlu biex iroddlu ħajr u jfaħħru mill-ġdid, imma wkoll biex din il-memorja tal-passat jerġa' jgħixha mill-ġdid u ssirlu preżent. U hekk Alla jibqa' dejjem fiċ-ċentru ta' ħsiebu u l-għemil tiegħu.

Kif tidħol is-sena intermedjarja tiegħi f'dan kollu, nistħajjilkom tistaqsu? Proprju għax din m'hix biss esperjenza tal-passat li għaddiet u nista' ngħoddha parti mill-istorja ta' ħajti, imma hi waħda li tibqa' ħajja fil-mumenti li qed ngħix issa, l-aktar jekk inħares lejha sewwasew minn din l-ottika – l-istorja tas-salvazzjoni personali tiegħi… jiġifieri kif Alla fl-imħabba ġeneruża tiegħu ħadem ma' ibnu l-maħbub, Francesco Pio.

Tissejjaħ sena intermedjarja, imma bejnietna aktar nafuha bħala "s-sena barra", għax hi prattikament sena barra mis-seminarju, mill-parroċċa, mid-djoċesi, mill-pajjiż… f'kelma waħda mill-ambjent ta' l-appartenenza. Fil-programm ta' formazzjoni tas-seminarju, li fid-djoċesi tagħna u f'ħafna oħrajn hu wieħed ta' seba' snin, hemm sena – ir-raba' waħda – li fiha s-seminarista jħalli lil pajjiżu biex jagħmel esperjenza differenti f'xi realtà oħra. Imbiegħed minn niesu u mill-ambjent protettiv tal-komunità li fiha jkun għex għal tliet snin, iż-żagħżugħ ikompli jifforma ruħu spiritwalment u umanament biex, bl-għajnuna ta' din l-esperjenza u ta' dawk li jsegwuh tulha, jagħraf iżjed x'inhi r-rieda ta' Alla għalih. "Hu żmien ta' evalwazzjoni, dixxerniment, u deċiżjoni fuq l-għażla ċara li wieħed irid jagħmel li jimxi wara Ġesù fis-saċerdozju", kif hemm miktub fil-proposta formattiva tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Hemm fejn dawn l-għaxar xhur jew iżjed jieħdu xeħta predominantament pastorali, bħal dawk li jgħadduha f'xi parroċċa jew saħansitra f'art tal-missjoni, imma qabelxejn hi esperjenza umana, għax fiha ssib ruħek tabilħaqq wiċċ imb'wiċċ miegħek innifsek.



Hi esperjenza li lis-seminarista tista' tikkonfermah fil-vokazzjoni tiegħu jew ukoll turih li hemm triqat oħra miftuħa għalih. F'Għawdex ħafna minn dawk li jidħlu s-seminarju ma jkollhomx iċ-ċans li jduqu l-esperjenza ta' maturità li toffri l-ħajja universitarja f'Malta, u għalhekk forsi din is-sena tagħmel iktar sens fil-proposta formattiva tagħna. Meta wieħed jinqata' mill-ambjent tiegħu u jkun ftit iktar "indipendenti", isib art fejn jista' jwieġeb aħjar u b'iktar libertà għas-sejħa ta' ħajtu, hi x'inhi. Kemm hi meħtieġa l-libertà f'kull għażla li nagħmlu fil-ħajja! Kultant, l-ambjent "magħluq" tas-soċjetà Għawdxija ma tantx jgħin biex wieħed ilissen l-"iva" sħiħa tiegħu b'din il-libertà interjuri, li tiġi biss bħala don minn Alla u bl-għajnuna tar-relazzjonijiet ġodda li toħloq u bihom tista' tikber.

U għalhekk l-Iskozja… Għalkemm ħafna minna jqisuha biss bħala parti mill-gżira aktar kbira tal-Gran Brittanja, l-istorja u l-kultura t-tnejn juruna li l-Iskozja dejjem għażlet ruħha bħala pajjiż għalih, għalkemm politikament iggvernat minn Londra. Il-pajjiż, li jgħodd 'il fuq minn ħames miljun ruħ, jinsab fit-tramuntana tal-gżejjer Brittaniċi, u joffri pajsaġġ mill-iktar spettakolari, mifrux bejn il-muntanji għoljin tal-*Highlands* minn fuq, merfugħa fuq għadajjar kbar bħalma hu l-*Loch Ness* (magħruf l-aktar għall-mostru leġġendarju tiegħu), u fuq in-naħa ta' isfel il-witat ħodor u fertili fuq il-fruntiera Ingliża. Għalkemm iċ-ċentru industrijali hu Glasgow, il-kapitali storika u amministrattiva hi Edinburgh, u bir-raġun! Il-belt, port antik fuq il-kosta tax-xlokk għal fuq il-Baħar tat-Tramuntana, hi miqjusa waħda mill-isbaħ fl-Ewropa u toffri xeni li jsaħħruk. Bil-kastell medjevali jiddomina l-ħamest elef resident tagħha, mifrud b'"mil irjali" mill-palazz tal-monarkija Ingliża *Holyrood*, fejn issa jinsab ukoll il-parlament Skoċċiż, kull triq ta' Edinburgh tixhed għall-istorja kbira li għandha, li rat il-ġlieda bejn l-Ingliżi u l-Iskoċċiżi xxerred id-dmija kemm-il darba. Ħafna forsi jafuha għall-festival kbir li jiġi ċċelebrat fis-sajf, bil-famuż *Military Tattoo* fil-pjazza ta' quddiem il-kastell, jew għall-*Hogmanay* li jsir fi Princes Street fl-aħħar tas-sena, imma Edinburgh, imsejħa "l-Ateni tat-tramuntana", hi wisq aktar minn hekk.

Din hi l-belt li fiha qattajt għaxar xhur. Ftit snin ilu qabli kien qatta' sena hemm Anthony G. Caruana, mix-Xagħra, imma ftit kienu ħasbu f'dan il-pajjiż għas-sena intermedjarja tagħhom. Għalhekk kien bi ftit inċertezza u anki biża' li fit-28 ta' Awwissu 2006 ħallejt lil Għawdex. Għalkemm kont diġà żort il-pajjiż xi sentejn qabel fejn ħija Geoffrey, li qiegħed jistudja u jagħmel esperjenza pastorali f'Dundee, ftit kont naf fuqu, ħlief forsi mir-rumanz *The*

*Prime of Miss Jean Brodie*, ambjentat fit-toroq qodma ta' Edinburgh, li kont qrajt fl-aħħar sentejn ta' l-iskola qabel dħalt is-seminarju. Imma kont determinat li nagħmel esperjenza "differenti" (anki fit-temp!) li fl-istess waqt tisfidani xi ftit.

Din l-isfida malajr waslet meta iktar ma beda jgħaddi ż-żmien u ssetiljajt fi Gracemount, ftit mili 'l barra miċ-ċentru għan-nofsinhar tal-belt, bdejt nifhem kemm hi differenti r-realtà kulturali u ekkleżjali tal-Knisja Skoċċiża. Wieħed jifhem li r-Renju Unit illum sar waħda mill-aktar soċjetajiet sekularizzati ta' l-Ewropa postmoderna. Fl-istorja tiegħu kien wieħed mill-aktar artijiet reliġjużi – filfatt il-papa Ljun X fl-1521 kien sejjaħ lis-sultan Ingliż *Fidei Defensor*, difensur tal-fidi – imma x-xiżma tar-Riforma Protestanta fis-seklu sittax ħalliet effetti drastiċi. Fl-Iskozja l-attakk fuq il-Knisja Kattolika kien iktar qawwi u intolleranti, u l-knejjes sbieħ imxerrda mal-pajjiż kollha saru Protestanti. Biżżejjed wieħed jibda tiela' r-*Royal Mile* u jidħol fil-katidral ta' San Eġidju. U bħalu mijiet, jekk mhux eluf, ta' knejjes u binjiet oħra.

Il-parroċċa ta' Santa Katarina ta' Lixandra, flimkien ma' dawk ta' San Ġirgor il-Kbir u San Ġwann Vianney, tgħodd biss ftit mijiet. Il-Kattoliċi fil-pajjiż huma f'minoranza u f'xi oqsma tal-ħajja għadek tista' tħoss ċerta "intolleranza" sottili lejhom. Filfatt is-settarjaniżmu fis-soċjetà lajka Skoċċiża kien għadu qawwi ħafna sa ftit snin ilu. Minħabba n-nuqqas kbir ta' saċerdoti biex jaqdu l-komunitajiet Kattoliċi fl-arċidjoċesi ta' St Andrews and Edinburgh, bil-kardinal Keith Patrick O'Brien bħala kap tagħha, fl-aħħar snin qed issir bidla kbira li qed tara parroċċi jingħaqdu flimkien f'sistema ta' *clusters*, fejn il-lajċi għandhom sehem kbir fit-tmexxija u l-organizzazzjoni tal-ħajja parrokkjali. Waħda mill-aktar esperjenzi qawwija kienet dik li naqsam ħajti u ngħix fid-dar tal-parroċċa ma' Fr Michael Fallon, saċerdot ta' ħafna esperjenza li jmexxi dawn it-tliet parroċċi bl-għajnuna ta' żewġ saċerdoti oħra. Nistqarr li ma kinitx esperjenza faċli, u sfidatni ħafna, l-aktar meta wieħed iqis li kulħadd għandu l-karattru u l-istil ta' ħajja tiegħu. Imma nibqa' ngħożż il-qsim ta' esperjenzi u ideat, kif ukoll il-mod kif segwieni tul iż-żmien tiegħi hemm. Kelli x-xorti wkoll li Alla pprovdieli f'ħajti ħafna persuni għeżież li mxew miegħi fl-aktar mumenti diffiċli u fejn stajt naqta' qalbi, waqt li għenuni bil-pariri u d-direzzjoni tagħhom, fosthom Fr Stephen Robson, għal żmien twil direttur spiritwali tal-Kulleġġ Skoċċiż f'Ruma u issa kappillan ta' żewġ parroċċi fl-East Lothian.

Meta wieħed ikun ġej minn sfond pastoralment attiv u pjuttost "tradizzjonali" bħal tagħna fejn, ngħidu aħna, knisja jkollha xi tmien quddisiet jew iżjed kuljum, iħossu stramb jgħix f'realtà fejn bilkemm issib quddiesa waħda kuljum. Bħal f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa l-maġġoranza tan-nies jiġu biss għall-quddiesa tal-Ħadd, fejn, imma, wieħed jista' jara b'liema konvinzjoni ta' fidi l-komunità tinġabar biex titlob u tiċċelebra, f'liturġija b'xeħta differenti ħafna minn dik li niċċelebraw aħna, għalkemm fis-sustanza tibqa' l-istess. Dan is-sens ta' Ewkaristija waħda li tiġi ċċelebrata kulfejn tmur fid-dinja għenni ħafna nagħraf id-dimensjoni universali tal-Knisja u stajt inħossni magħqud fil-komunjoni mal-Knisja kulfejn tinsab fid-dinja. Kull nhar ta' Ħadd kont nitħallat man-nies u, kif għamilt f'kull okkażjoni li ġietni, nipprova noħloq relazzjonijiet ġodda, kultant anki b'kelma jew tislima; żgur li rari jew qatt ma



kellhom fosthom student li miexi lejn is-saċerdozju, u dan filfatt stajt inħossu fis-sens ta' rispett u apprezzament tagħhom, u l-mod kif laqgħuni għandhom, għalkemm jien ma kont qed nagħmel xejn iżjed milli nkun preżenti fosthom u għalihom. F'xi okkażjonijiet għamilt ukoll ħsieb waqt il-quddiesa, l-aktar meta kienet tkun għat-tfal ta' l-iskola, u fil-quddiesa tal-vġili kont dejjem nidħol għal-liturġija li ssir apposta għat-tfal f'St Gregory's li, għalkemm ma kinitx il-parroċċa li kont qed noqgħod fiha, hemm ukoll għamilt minn kollox biex inkun preżenti ħafna. Ħasra li l-liberaliżmu ħakem ukoll il-ħajja ekkleżjali Skoċċiża, imma dan ma jaqtgħalniex qalbna biex naħdmu ħalli naraw il-fidi tissaħħaħ f'dan il-pajjiż, kif spiss jisħaq il-kardinal O'Brien, li qabel mort Edinburgh kont sirt nafu personalment waqt il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2005 f'Köln, li għalih kont attendejt flimkien mal-grupp taż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna.

Minħabba li l-attività pastorali fil-parroċċa matul il-ġimgħa kienet kwieta iżjed u d-"duttrina" ta' kuljum, li tant imdorrijin fiha, ma teżistix, involvejt ruħi kemm stajt fl-iskola li tagħmel ma' St Catherine's. Kważi kull parroċċa Kattolika fl-Iskozja għandha magħha xi skola u, għalkemm qed jitnaqqar ftit ftit, dan għadu wieħed mill-ambjenti fejn il-Knisja jista' jkollha influwenza fuq it-tfal, anki bil-preparazzjoni għas-sagramenti tal-bidu. F'din l-iskola primarja għaddejt l-isbaħ żmien nidħol fil-klassijiet mat-tfal u nakkumpanjahom fil-ħarġiet, u għint ukoll xi ftit fit-tiġdid tal-librerija ċkejkna għall-użu ta' l-istudenti. Il-ferħ naturali u s-sempliċità tat-tfal imlew lil qalbi wkoll bl-istess ferħ u ħeġġa biex il-messaġġ sabiħ tal-Vanġelu nwasslu lilhom ukoll, kif ukoll lill-istaff ta' l-iskola li wera sens kbir ta' gratitudni għall-preżenza tiegħi hemm. Tiskanta x'għatx kbir hemm, u kultant x'injoranza reliġjuża!

Ħdimt ukoll, fuq livell differenti ħafna li allura għenni nduq realtà skolastika oħra, fl-akbar skola sekondarja Kattolika ta' Edinburgh, *Holy Rood High School*, fejn kont nidħol fil-klassijiet u kont inkun disponibbli biex l-istudenti jiġu joqogħdu jitkellmu miegħi. Hekk tgħallimt nisma' lil dawn l-istudenti, ħafna minnhom ġejjin minn ambjenti diffiċli u familji mkissra, u nurihom li Ġesù jrid jagħmel ħabib magħhom, anki fiż-żmien kritiku ta' l-adoloxxenza. Din ta' *Holy Rood* kienet esperjenza qawwija ħafna u għamlitni student mill-ġdid għalkemm tul din is-sena ma kontx qed nistudja.

Fil-parroċċa wkoll kelli l-opportunità tad-deheb li nidħol f'ħafna djar ta' l-anzjani li minn ġimgħa għall-oħra

kont inżur biex nagħmlilhom kumpanija. Waqt li kont nifraħ u niċċajta mat-tfal, ma' l-anzjani kont inħoss ftit aktar it-toqol ta' l-età u niftaħ widnejja, imma iżjed qalbi, għall-krib u l-qtigħ il-qalb tagħhom, waqt li naqsam magħhom ftit mit-tbatijiet tal-mard u tas-solitudni, li ma niddejjaqx ngħid li lanqas kienet xi ħaġa ġdida għalija! Imma aktar nista' ngħid li rċivejt jien mingħand dawn il-persuni, li fihom ippruvajt nara Ġesù ieħor, anki meta l-aptit li noqgħod nisma' kien jonqosni. Irċivejt ferħ kbir f'qalbi u sens insostitwibbli ta' sodisfazzjon li kont għal dawn in-nies xi ħadd li lest jismagħhom u jħoss, mhux għalihom, imma magħhom; tassew li "meta nagħtu, aħna naqilgħu". Ġesù, b'din l-esperjenza, ried irattabli iżjed qalbi għal dawk li b'imħabba ġejt imsejjaħ biex inxandar il-Vanġelu u naqdi, ħalli "nsir kollox ma' kulħadd" (ara 1 Kor 9:22). Kull wieħed u waħda minnhom jibqa' f'qalbi bħala teżor kbir, għax fid-dgħufija tagħhom, u tiegħi magħhom, dehret il-qawwa ta' Alla.

Imbagħad ma nistax ma nsemmix ix-xogħol li, sa mill-ewwel jum tiegħi f'din ir-realtà ġdida, ridt li nagħmel biex induq ftit minn din l-esperjenza li ma tistax tkun iżjed umana. Anki hawn sibt għalqa sabiħa imma mhux b'inqas iebsa, u l-Mulej laqqagħni ma' ħafna ħbieb u persuni li laqgħuni f'ħajjithom. Fost dawn tant żgħażagħ mill-Polonja, li fil-veru sens tal-kelma invadew l-Iskozja biex ifittxu xogħol. Magħhom ħassejt x'ifisser titbiegħed minn pajjiżek u l-kultura tiegħek, u ssib ruħek f'realtà għalkollox differenti, fejn trid taqdef għal rasek u tiddeċiedi għalik innifsek, imma fejn din l-indipendenza kultant tagħmlek iżjed "dipendenti" minn ħafna nies oħra, l-aktar fil-qligħ tal-flus għall-għixien. F'*Café Camino*, fejn kont naħdem xi erba' darbiet fil-ġimgħa, kienu jidħlu nies ta' kull xorta u dan tani perspettiva usa' tar-realtà soċjali. Irrodd ħajr lil Alla ta' din l-esperjenza sabiħa li saret parti minn ħajti, kif għidt fil-bidu.

Nista' nsemmi esperjenzi oħra żgħar, imma minn dawn hemm ħafna. Kollox għenni napprezza iżjed kemm aħna xortina tajba li f'pajjiżna mdawrin bil-knejjes u s-saċerdoti. Tul dan iż-żmien irsistejt miegħi nnifsi, ukoll jekk spiss fallejt, biex inżomm programm ta' talb, għax fhimt li jekk kollox ma jkunx mibni fuq ir-relazzjoni ma' Alla wieħed malajr jaqta' qalbu. U għalhekk naħseb li l-isforzi li għamilt biex ma nitlifx il-quddiesa ta' kuljum, anki meta għal dan kelli nivvjaġġa, kultant b'sagrifiċċju personali, u biex infassal il-ġurnata fuq il-programm stabbli li tagħti l-Liturġija tas-Sigħat, ġew ippremjati b'sens qawwi ta' tama u ta' kuraġġ li ġie biss minn Alla, anki spiss permezz tal-"benefatturi" li bagħatli. Fost dawn il-benefatturi ċert li kien hemm, u għad hemm, intom li titolbu għalina u ssaħħuna bil-kelma u bl-eżempju tagħkom. Ħafna oħrajn żammew kuntatt miegħi u għalhekk, għalkemm 'il bogħod, dejjem bqajt inħossni f'San Ġorġ!

Jekk wieħed ikollu jagħmel dawra sew mal-gżejjer żgħar u inqas żgħar li kważi jmissu mal-kosta Skoċċiża, jara xi ġmiel hemm isebbaħ l-ibħra tal-madwar. L-ewwel darba li żort Iona, waħda minnhom, kien ma' sħabi żgħażagħ ta' San Ġorġ li telgħu l-Iskozja fil-bidu tas-sena tiegħi hemm. Imma rġajt mort għax ġibidni dan iċ-ċentru spiritwali li minnu bdiet il-Kristjanizzazzjoni tal-Brittanja mill-abbati San Kolumba. Lindisfarne, magħrufa wkoll bħala *Holy Island*, fuq il-kosta orjentali ta' l-Ingilterra, ukoll offrietli l-istess sens profond ta' spiritwalità. Ukoll fil-bidu ta' l-esperjenza tiegħi kelli l-opportunità li nqatta' xi żmien mal-komunità ta' l-uniku seminarju li fadal fl-Iskozja, 'il barra minn Glasgow, fejn erġajt mort għall-irtir tal-Ġimgħa Mqaddsa. Ir-Randan kien żmien intens ħafna, kemm minħabba l-"irtir" li għamilt f'Gillis Centre, f'Edinburgh, mal-fundatur tal-komunitajiet ta' *Faith and Light* u *L'Arche*, Jean Vanier, li kien waqt żjara tiegħu fil-belt, u kemm minħabba l-jumejn u nofs ta' riflessjoni li għaddejt ma' xi studenti tas-sekondarja fl-abbazija Ċisterċensi ta' Sancta Maria, f'Nunraw. Matul ir-Randan ukoll kull ġimgħa kont parti minn grupp ta' lajċi li kien jiltaqa' fid-djar biex jirrifletti fuq u jaqsam il-Kelma ta' Alla bl-għajnuna ta' riflessjonijiet mill-kittieb magħruf ta' spiritwalità l-Ġiżwita Gerard W. Hughes SJ, residenti f'Edinburgh, li kelli wkoll ix-xorti niltaqa' miegħu privatament. Dan barra kors mill-aktar interessanti għal-lajċi impenjati, *Integration of Life and Faith*, li għal tmien xhur sħaħ kont nattendi għalih kull ġimgħa, fejn bil-qsim ta' esperjenzi ma' oħrajn stagħnejt mhux ftit. Dawn kollha kienu mumenti ta' waqfa mal-Mulej, li kienet tant importanti f'dan il-perjodu iktar twil ta' waqfa u riflessjoni personali.

Fl-aħħarnett insemmi l-esperjenza sabiħa li kelli mat-tliet sħabi tas-sena li magħhom kelli ċ-ċans niltaqa' darbtejn tul iż-żmien tiegħi msiefer biex stajna naqsmu flimkien l-esperjenzi differenti tagħna. L-ewwel darba kien fl-Iskozja stess fejn huma ġew għal ġimgħa ta' mistrieħ f'Marzu. Imbagħad b'xi mod irritornajt lura din iż-żjara meta nżilt Ruma f'Mejju, fejn qattajt ġimgħa fil-parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Antjokja, fejn Simon M. Cachia kien qed jagħmel l-esperjenza pastorali tiegħu. Hawn iltqajt mhux biss magħhom iżda ma' ħafna pellegrini oħra minn Malta u Għawdex, fosthom bosta mill-parroċċa tagħna, li telgħu għall-okkażjoni unika tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca. Meta rċivejt l-aħbar b'telefonata li tlajt bix-xorti biex flimkien ma' sieħbi Maximillian Grech nagħti s-servizz tiegħi waqt l-Ewkaristija mal-papa Benedittu XVI, ħsibt li kont fhimt ħażin! Fraħt mhux ftit, l-aktar minħabba li naf parti sew mill-vokazzjoni tiegħi lill-*Museum*, li fih ġejt iffurmat għal tant snin. Għalhekk din l-esperjenza f'Ruma, u l-laqgħa mal-Papa, nista' ngħoddhom bħala waħda mill-grazzji kbar tas-sena barra.

Lura Malta għall-festa ta' San Ġorġ kienet bidla kbira imma li bil-mod irnexxieli naċċetta. Wara l-festa kelli ċ-ċans nitla' Turin biex nagħmel l-esperjenza "Taljana" tal-*campi d'estate* fl-Alpi ma' grupp ta' adoloxxenti mill-parroċċa ta' Nichelino, fejn qabel kien kappillan il-mibki Dun Joe Galea. Għalija dan ma setax kien għeluq isbaħ għas-sena intermedjarja tiegħi u wieħed li kelli bżonn ħafna. Meta nħares lura lejn din is-sena ma nistax, għalhekk, ma llissinx mas-salmista: "Xi rrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi?" (Salm 116:12). L-esperjenza tiegħi kienet differenti mhux ftit minn ta' sħabi, għax kull sitwazzjoni hi differenti u unika. Imma rrodd ħajr lil Alla dejjem ta' dak kollu li tani – sabiħ jew ikrah f'għajnejja – u ta' tant nies li laqqagħni magħhom biex jiffurmani f'iben aktar għal qalb ir-Ragħaj il-Kbir. X'għad jiġri minni ma nafx, u m'hux għalija li ngħid, imma dak li għixt fis-sena intermedjarja tiegħi jibqa' fil-memorja ta' moħħi, imma l-iżjed ta' qalbi u ta' ruħi, bħala paġna oħra fl-istorja tas-salvazzjoni li Alla, flimkien miegħi, qed jikteb għalija.

# Is-sena barra tiegħi fil-parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Antjokja, fil-Belt Eterna

**Simon M. Cachia** - cachiasimon@gmail.com

L-esperjenza tiegħi bdiet fil-21 t'Awwissu 2006 meta ħallejt lil Għawdex u tlajt Ruma. Il-parroċċa tinsab f'żona msejħa *Lo Statuario*. Hi parroċċa relattivament ġdida għax ilha mwaqqfa biss ħamsin sena. Il-kappillan tagħha kien Mons. Ġużepp Attard min-Nadur. F'din l-esperjenza ltqajt u ħdimt mill-qrib ma' żewġ qassisin oħra Għawdxin: Dun Tonio Galea, li mbagħad Mons. Isqof Grech sejjaħlu biex jaqdi l-Knisja fil-parroċċa tal-Munxar, u Dun Joseph Farrugia mill-Għarb, li wara seba' snin ta' ħidma u studju Mons. Isqof issa sejjaħlu lura Għawdex biex jagħti s-servizz tiegħu fid-djoċesi tagħna.



### Min kien Sant'Injazju?

Injazju kien ġej minn familja pagana u kkonverta għall-Kristjaneżmu fil-belt ta' Antjokja meta kien għadu żagħżugħ. San Ġwann Kriżostmu jgħid li "Injazju kien jiltaqa' ma' l-Appostli". Ġie magħżul bħala isqof suċċessur ta' San Pietru – "kurrier tal-Mulej" – ta' Antjokja. Ġie kkundannat għall-mewt li kellha tiġi esegwita fil-belt ta' Ruma. Matul il-vjaġġ twil biex jiltaqa' mal-martirju, Injazju kiteb diversi ittri lil diversi komunitajiet Kristjani u li fihom kien jagħtihom pariri kif jimxu fit-tagħlim tal-Mulej, magħhom ħaġa waħda ma' l-isqof tagħhom. Miet bħala *"xgħir tal-Mulej li ser jiġi mitħun minn snien il-bestji biex isir ħobż pur għall-Mulej"* fis-sena 107 ġewwa l-Kolossew ta' Ruma. Is-17 ta' Ottubru jaħbat l-2007 sena mill-martirju glorjuż tiegħu. Fil-parroċċa fejn kont jien, hemm meqjum il-kranju tiegħu.

### Xogħli fil-parroċċa

Sant'Ignazio hi parroċċa attiva ħafna u torganizza ħafna attivitajiet matul is-sena, tant li x-xogħol hu l-ħin kollu għaddej, filgħodu u filgħaxija, sebat ijiem fil-ġimgħa.

Xogħli kien li ngħin fil-parroċċa u hekk tgħallimt li fil-parroċċa l-kappillan jew il-qassis irid jitgħallem iservi lill-poplu t'Alla f'kollox: "mill-ħasil ta' l-art sat-tabernaklu". Bħala parti mis-servizz li kont nagħti nsemmi: ħidma maż-żgħażagħ, animazzjoni mat-tfal tal-parroċċa fl-oratorju u fil-quddies tal-Ħadd, għajnuna fil-kor *Schola Cantorum,* ħidma fuq il-kompjuter u preparazzjoni tal-fjuri għall-knisja. Meta l-kappillan ma kienx ikun preżenti fil-parroċċa, jien kont nieħu ħsieb l-uffiċċju parrokkjali.

Il-jum tal-Ħadd hu l-iktar jum attiv u mistenni tal-ġimgħa. Il-quddiesa prinċipali hija dik imsejħa *"la celebrazione della comunità"*. Għal din il-quddiesa jattendu t-tfal kollha tad-duttrina flimkien mal-familji tagħhom. Wara l-quddiesa t-tfal u l-familji jieqfu ftit fl-oratorju biex jilagħbu u jqattgħu ftit ħin ma' xulxin fil-grawnds tal-parroċċa. Matul il-ġimgħa mbagħad, it-tfal u l-adolexxenti jattendu għall-katekiżmu. Il-katekiżmu jinkludi wkoll lill-adulti, bi tliet komunitajiet ewkaristiċi u grupp ta' katekeżi.



Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi l-iktar popolari huma dawk marbuta mal-festa tal-Milied u ta' l-Għid il-Kbir. Ngħidu aħna, insibu: in-Novena tal-Milied (li ma tkunx integrata f'quddiesa, imma tkun maqsuma fi tliet laqgħat kuljum: waħda għaż-żgħażagħ filgħodu kmieni, oħra għat-tfal wara nofsinhar u oħra għall-adolexxenti filgħaxija); iċ-ċelebrazzjoni tal-Lejl tal-Milied, il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Velja l-Kbira ta' l-Għid li tiġi ċċelebrata bil-mod li kienu jiċċelebrawha l-Insara tal-bidu.

Wieħed mir-riti liturġiċi importanti li jsiru fil-parroċċa hu r-rit tal-Magħmudija li jsir *"per immersionem"* u li jieħu bixra ta' festa komunitarja. It-trabi jiġu mgħammda billi jiġu mgħaddsa tliet darbiet f'fonti magħmul fuq l-istil tal-fontijiet tal-Knisja tal-bidu, f'ċelebrazzjoni ħajja u mimlija katekeżi, simboli u ġesti.

Il-parroċċa sservi wkoll ta' ċentru socjali u kulturali u għandha librerija - *Biblioteca Statuario*. Il-parroċċa toffri wkoll is-servizz tal-*Caritas* u tlaqqa' l-grupp ta' l-*Alcolisti Anonimi*. Torganizza wkoll korsijiet fil-lingwa Ingliża, il-lingwa Spanjola, u l-kompjuter. Tospita skola ta' żfin għall-adulti, banda u kor. Il-parroċċa torganizza ħafna attivitajiet oħra matul is-sena, indirizzati għal kulħadd, bħal Halloween, il-Karnival, is-*settimana bianca*, il-festa parrokkjali ta' Ġunju u xi pellegrinaġġi.

Il-parroċċa ta' Sant'Ignazio kienet kapaċi toħloq ambjent addattat ħafna biex jilqa' fih ħafna żgħażagħ li joffru kontinwament is-servizz tagħhom b'entużjażmu. Fi ħdan il-parroċċa hemm sitt gruppi ta' żgħażagħ li flimkien jitgħallmu, jitolbu, jiddiskutu, jiċċelebraw u jorganizzaw attivitajiet għall-membri l-oħra tal-komunità.

### *Il Centro Estivo 2007 con Hercules*

Din is-sena wkoll, flimkien ma' dawn iż-żgħażagħ li semmejt, organizzajna *Il Centro Estivo 2007 con Hercules*. Iċ-*Centro Estivo* kien biċċa xogħol kbira li tagħha jien kont il-ko-ordinatur u l-organizzatur. Iċ-*Centro Estivo* sar fl-ewwel tliet ġimgħat ta' Lulju, bejn it-2 u l-20 tax-xahar, u kien jikkonsisti fi tliet ġimgħat ta' attivitajiet u divertiment għal madwar 65 tifel u tifla ta' bejn erba' u għaxra snin. It-tfal kienu jiġu filgħodu kmieni u joħorġu filgħaxija, kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Jien flimkien maż-żgħażagħ bdejna

norganizzaw din l-attività minn April. Il-programm, li kien iċċentrat fuq il-*cartoons Hercules* (1997) kien imżewwaq b'logħob, laboratorji ta' pittura u perlini, attivitajiet ta' familjarizzazzjoni mal-qari, sports, laqgħat fil-knisja u ħarġiet edukattivi anki 'l barra minn Ruma. Il-parroċċa kienet tieħu ħsieb ukoll għall-ikel. Kienet esperjenza qawwija: tgħinek tikber u timmatura għax għandek taħt idejk madwar mitt persuna li int responsabbli għalihom; tgħinek titgħallem tieħu deċiżjonijiet diffiċli; tgħallmek tmiss u timmaneġja l-flus; imma fl-aħħar tħalli sodisfazzjon kbir kemm għalik personali u kemm għaż-żgħażagħ *animatori*, għall-kappillan, għall-voluntiera, għall-ġenituri u għat-tfal.

### San Ġorġ Preca, il-komunità ewkaristika u esperjenzi oħra

Ferħ kbir kien ħakem il-parroċċa fejn kont jien, meta tħabbret il-kanonizzazzjoni tal-qassis Ġorġ Preca. Xi ġimgħat qabel il-jum mistenni tat-3 ta' Ġunju, Dun George J. Frendo kien ikkuntattjani u kien qalli li l-kor tal-parroċċa *Laudate Pueri* kien ser ikanta fi Pjazza San Pietru. Dlonk jien u Dun Ġużepp bdejna l-kuntatti biex nippreparaw il-mawra tal-kor ġewwa Ruma, speċjalment biex insibu post fil-parroċċa fejn il-kor seta' joqgħod. Ħassejtni xxurtjat li proprju fis-sena li kont qed inqatta' jien Ruma, kellna naraw l-ewwel Malti jiġi kkanonizzat. Kienet esperjenza sabiħa ħafna, anki għax kont erġajt iltqajt ma' ħafna minn sħabi u minn ħbiebi Għawdxin. Fil-parroċċa konna ppreparajna xbieha tal-qaddis ħdejn l-artal il-kbir għall-qima tal-parruċċani.

Esperjenzi sbieħ oħra li għext kienu: in-*notte bianca* ta' Ruma f'Settembru, il-festa ta' Sant'Injazju f'Ottubru, l-atmosfera ta' ferħ *a la italiana* fil-Milied u l-ewwel tas-sena, l-irtir spiritwali ma' xi żgħażagħ tal-parroċċa fir-Randan, il-mawra għal Napli f'April għall-beatifikazzjoni tal-fundatriċi tas-Sorijiet Kompassjonisti Servi ta' Marija li kellhom id-dar ġenerali tagħhom bieb ma' bieb magħna, il-festa parrokkjali ta' Ġunju u l-mawriet tiegħi f'Firenze (f'Diċembru) u fl-Iskozja (f'Marzu) biex niltaqa' ma' sħabi li bħali kienu qed jgħixu din l-esperjenza tas-sena barra.

Imma naħseb li l-iktar esperjenza sabiħa li kelli tul din is-sena kienet il-parteċipazzjoni f'waħda mill-komunitajiet ewkaristiċi tal-parroċċa. Konna niltaqgħu kull nhar t'Erbgħa u flimkien konna nistudjaw il-Kelma t'Alla, naħsbu fuqha u naqsmu flimkien kif affettwatna l-Kelma tal-Mulej fil-mumenti sbieħ u koroh li nkunu għaddejjin minnhom. Konna niċċelebraw flimkien il-Quddiesa bi stil mibni fuq l-Ewkaristija ta' l-Insara tal-bidu, b'innijiet u talb meħuda mill-istess Kelma t'Alla. Hi komunità ffurmata minn żgħażagħ, koppji miżżewġa, ġenituri u anzjani, u mmexxija minn saċerdot. Nista' ngħid li din il-mixja għenitni ħafna biex nikber spiritwalment: tgħinek tagħraf l-importanza tal-Kelma t'Alla u kif din tbiddillek kompletament il-mod ta' kif tħares lejn it-tlugħ u l-inżul tal-ħajja.

### Ringrazzjamenti u awguri

Il-kuntatt kontinwu ma' kull tip ta' nies ta' kull età għenni nagħraf kemm hu importanti li tafda f'idejn il-Mulej u li timxi fuq Kelmtu, li taħdem għall-ġid tan-nies bla ebda fini ieħor u li ma tippretendi xejn lura. Għenni nagħraf ukoll li n-nies trid tara li l-qassis jgħix dak li jippriedka – l-Evanġelju – fil-ħajja ta' kuljum: f'logħba futbol mat-tfal, f'xi tpaċpiċa fuq il-bank, f'xi tbissima, f'xi parir, f'xi laqgħa... Jekk in-nies tara li l-qassis qed jgħix konkretament dak li qed jippriedka, allura tirrispettah, tgħinu u tħobbu, u tipprova anki hi timxi fuq il-passi ta' Kristu.

Jien nixtieq nirringrazzja lil Dun Ġużepp, il-qassisin, sieħbi Noel u magħhom lill-parroċċa kollha talli laqgħuni, ħabbewni u talli tawni l-opportunità li nikber kemm bħala bniedem u kemm bħala seminarista. Grazzi fuq kollox lill-Mulej talli waqaf miegħi kuljum anki f'mumenti inqas sbieħ.

Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil Mons. Ġużeppi Farrugia, li tul l-ewwel tliet snin tas-Seminarju u matul is-sena barra, appoġġjani u għinni. Nixtieq ngħidlu "grazzi" kbira għax kien permezz ta' l-entużjażmu u tal-fiduċja tiegħu li sirt midħla ta' San Ġorġ, li bdejt nattendi l-gruppi ta' vokazzjonijiet u l-Pre-seminarju u li nidħol is-Seminarju. Arċipriet, grazzi mill-ġdid!!

Fl-aħħar, nixtieq nawgura minn qalbi lil Mons. Pawl Cardona u lil Mons. Ġużepp Attard li nħatru arċiprieti tar-Rabat. Jalla lkoll kemm aħna, magħqudin mal-mexxejja spiritwali tal-parroċċi ta' beltna, insewgu l-parir li jagħtina l-isqof Sant'Injazju:

***"Ibqgħu magħquda fil-Mulej, billi toqogħdu taħt l-Isqof u taħt il-liġi... u ħobbu lil xulxin"***

---

...*jaqbad minn paġna 4.*

– okkażjoni li ħataf biex isellmilhom. Mons. Cardona kompla introduċa ruħu fi tmiem il-quddies tal-Ħadd ta' wara. Sadattant beda jitkellem mal-parruċċani u l-kollaboraturi, ibda minn Mons. Farrugia stess.

Imbagħad fil-25 ta' Settembru mexxa laqgħa tal-*Presbyterium* – is-saċerdoti li joffru servizz fil-parroċċa. Sagħtejn wara kien imiss lill-Kunsill Pastorali Parrokkjali – tlitt ijiem qabel id-data ffissata fl-ewwel laqgħa tas-sena pastorali taħt l-arċipriet Farrugia. Għal dan l-appuntament għamlu ħilithom li jipparteċipaw tista' tgħid il-membri kollha - sinjal tar-rieda li nkomplu mexjin fil-ħidma ma' l-arċipriet. Wara li Mons. Farrugia intrduċiena individwalment, Mons. Cardona rringrazzja lilu u lilna – peress li l-ħin kien mexa ġmielu, ma tantx sata' jidħol fid-dettall tal-pjanijiet. Iżda qbilna fuq mozzjoni u fuq kumitat għall-programm tal-bidu tal-ministeru tiegħu. Ħarġet ukoll l-idea ta' Velja biex il-komunità titlob quddiem Ġesù Sagramentat għall-arċipriet emeritu Borg.

Din mexxiha l-għada – sagħtejn imxandra anki fuq ir-radju komunitarju, b'konkorrenza mill-isbaħ. Kien l-ewwel jum ta' tridu (b'quddiesa ċċelebrata, kif ippjanat, mill-arċipriet Farrugia) bi preparazzjoni għall-festa parrokkjali ta' San Mikiel – patrun tal-MUSEUM li tiegħu Dun Salv kien l-assistent ekkleżjastiku f'Għawdex. Immedjatament wara ltaqa' l-kumitat biex jibda jħejji l-ħmistax attivitajiet madwar l-4 ta' Novembru - mill-ewwel qbilna fuq l-elementi essenzjali. Naħseb li Dun Pawl diġà nduna kemm aħna ċentru bieżel! Biex tagħqad, Mons. Borg wasal fi tmiem ta' ħajtu f'din l-art eżatt x'ħin Mons. Cardona kien se jirritorna lejn Ruma biex jerħi dik il-parroċċa f'idejn Rabti ieħor – Dun Franz Refalo.

Insomma, jidher li Dun Pawl Cardona daħal sew fl-ispirtu tagħna u aħna daħħalnieh f'qalbna!

# Il-parroċċa ta' San Ġorġ tifraħ lil Mons. Alfred Xuereb, magħżul assistent personali tal-Q.T. il-papa Benedittu XVI

L-aħbar mogħtija mill-arċipriet Ġużeppi Farrugia fi tmiem il-konċelebrazzjoni pontifikali ta' nhar San Ġorġ, nhar is-15 ta' Lulju 2007, li Mons. Alfred Xuereb kien ġie magħżul mill-papa Benedittu XVI bħala assistent personali tiegħu, intlaqgħet b'ċapċip li jtarrax. Bil-ferħ li deher fuq wiċċu l-arċipriet fisser il-ferħ u l-kburija li ħasset l-assemblea liturġika kollha li kienet qed toħnoq il-bażilika f'dak il-jum għażiż: wieħed minn ulied il-parroċċa Ġorġjana, saċerdot minn tagħha, devot ta' San Ġorġ bħalna, issa ssejjaħ biex ikun tant qrib il-Vigarju ta' Kristu fuq l-art fis-servizz qaddis tiegħu u tal-Knisja universali.

Lil Dun Alfred – għax hekk nafuh fostna – aħna nħossuh wieħed minna. U hu jurina li hekk għandna nqisuh għax hu wkoll iħossna bħala l-familja tiegħu. Kulmeta jħalli daru fil-Vatikan u jiġi fostna għal xi btala ta' mistrieħ jew biex iżur il-ġenituri tiegħu, wara li jgħaddi d-dar tal-familja tiegħu fil-Vajrinġa, hu jiġi San Ġorġ, it-tieni dar tiegħu bħalma hi tagħna.

Barra minn dan aħna nafu li Dun Alfred għandu mħabba kbira lejn il-gżira tagħna, art twelidna, lejn San Ġorġ, l-imqaddes Protettur tagħna, u lejn il-bażilika ddedikata lilu. Qatt ma baqa' lura milli jixhed għal din l-imħabba.

Mons. Farrugia, illum arċipriet emeritu, jirrakkonta kemm kien iħossu mkabbar – għalkemm, kif jgħid hu, ma kienx juri – meta f'xi żjara f'Ruma kien jintroduċih lill-kollegi tiegħu fis-Santa Sede bil-kelmiet: *"Questo è il mio parroco"*. Kien iħossu ferħan mhux tant għalih innifsu daqskemm għax kien iħossu membru tal-parroċċa li magħha Dun Alfred kien u baqa' jindentifika ruħu.



Ilkoll nafu xi ftit mill-kwalitajiet sbieħ li jżejnu lil Mons. Xuereb, fosthom is-sempliċità tal-qalb, l-umiltà, id-diskrezzjoni, il-lealtà, il-ġenerożità u l-imħabba tiegħu għal Ġesù u għall-Knisja. Żgur li dawn il-kwalitajiet ma kinux moħbija mill-Qdusija Tiegħu meta fil-bidu tas-sajf sejjaħlu fl-appartament tiegħu fil-Palazz Appostoliku u wrieħ ix-xewqa biex Dun Alfred jingħaqad miegħu u ma' l-assistent li diġà kellu, Mons. Georg Ganswein, bħala t-tieni assistent personali tiegħu. Illum Dun Alfred joqgħod fl-appartament tal-Papa fil-Palazz Appostoliku, filgħodu jikkonċelebra mal-Papa, filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija jaqsam il-mejda miegħu, wara nofsinhar jakkumpanjah għal xi pass miegħu, u skond il-bżonn jivvjaġġa miegħu.

Kif kien qal l-arċipriet Ġużeppi Farrugia f'wieħed mill-messaġġi tiegħu fil-Bullettin tal-Ħadd, il-parroċċa ta' San Ġorġ bir-raġun li tħossha kburija b'Mons. Xuereb. Il-Kapitlu u s-saċerdoti ferħulu waqt pranzu li sar f'ġieħu fid-dar parrokkjali ftit qabel ma telaq lejn Castel Gandolfo, wara l-vaganzi tas-sajf, biex jibda l-ministeru ġdid tiegħu.

Aħna nafu li Mons. Xuereb jara l-ministeru għoli li rċieva mhux tant bħala unur li jżejnu daqskemm bħala servizz li jimpenjah. Hu servizz ta' mħabba totali lejn il-Papa u, permezz tal-Papa, lejn Kristu. Issa Dun Alfred m'għadux ħieles kif kien, fis-sens li ħinu m'hux aktar tiegħu kif kien qabel, u ħsibijietu u mħabbtu issa huma kollha fuq il-Vigarju ta' Kristu fuq l-art.

Nifirħulu, nifirħu miegħu u nifirħu għalih. Imma fuq kollox nitolbu biex flimkien mat-talb ta' ommna l-Immakulata li tant tħobbna, u tal-kbir San Ġorġ li jħarisna, Mons. Alfred Xuereb jibqa' fidil sa l-aħħar.

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Insellmilkom. Kif intom! Nittama li tinsabu tajbin u lesti biex mill-ġdid tmiddu għonqkom għax-xogħol ta' l-iskola. Issa għaddew il-vaganzi; żgur li striħajtu u ddevertejtu wkoll. Issa ma baqa' xejn ħlief li tħarsu 'l quddiem u terġgħu xxammru l-kmiem biex tistudjaw u twaħħlu moħħkom hemm. Kull ħinu, ħinu. U allura issa hemm bżonn li mill-ġdid tagħmlu daqsxejn ta' *timetable* biex ma taħlux ħin. Tridu tagħtu l-importanza kollha lill-iskola jekk tridu verament għada pitgħada tirnexxu bħal sħabkom. Tridu taraw ma' min tagħmluha, b'mod speċjali intom li issa ħallejtu l-iskola primarja u qegħdin tattendu s-Seminarju, il-kumpless *Ninu Cremona*, il-Konservatorju jew l-iskola *Agius de Soldanis*. Issa tinsabu fi skola ikbar u ħafna ħwejjeġ li kontu mdorrijin bihom qabel, inbidlu. Tinfixlux; morru bil-mod u staqsu fejn ma tafux!

Barra l-iskola, issa jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet tad-Duttrina; araw li ma titilfuhomx għax dawn importanti daqs l-iskola. Ħafna minnkom se jibdew iħejju ruħhom ukoll għal dak il-jum meta tirċievu l-Ewwel Tqarbina jew tirċievu l-Griżma ta' l-Isqof; u allura t-tagħlim huwa ħafna importanti. Naf li ħafna minnkom imorru l-*Museum*, il-*Legion* jew l-Azzjoni Kattolika. Titilfuhomx dawn il-laqgħat ta' formazzjoni u tagħlim. Importanti wkoll l-imġiba tagħkom id-dar, fil-knisja, l-iskola, kulfejn tkunu. U meta jkollna xi attività fil-parroċċa, toqogħdux lura imma ejjew. Sibu ħin għal kollox – għat-tagħlim, għall-mistrieħ, għar-rikrejazzjoni u għat-talb. Ħafna minnkom qed jagħtu importanza żejda lill-*computer games* jew lill-*mobile*. Dawn daqs kemm iservu ta' ġid, jistgħu jservu ta' deni. Allura oqogħdu attenti.

Quddiemkom għandkom sena oħra li sa jkun fiha minn kollox. *First things first*, kif jgħidu bl-Ingliż. Araw mela li ma taħlux il-ħin biex ma jiddispjaċikomx. Nawguralkom kull ġid u hena.

Tfal, qabel nagħlaq nixtieq f'isimkom insellem lill-arċipriet il-ġdid tagħna, Mons. Pawlu Cardona u nawguralu għall-ġejjieni filwaqt li mill-qalb ngħidu grazzi lill-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia għas-servizz li tana matul id-disa' snin li għaddew waqt li ma ninsewx fit-talb tagħna ruħ l-arċipriet ieħor, Mons. Salv Borg.

*Iz-Ziju Joe*

# Qaddisin "Ġorġjani" (11)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu*

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

## San Ġwann Grisostmu

*(tifkira liturġika fit-13 ta' Settembru)*

Omm dan id-duttur tal-Knisja (Antusa, magħduda mal-qaddisin ukoll) tant rawmitu tajjeb li kien jgħix ħajja monakali d-dar sa miż-żgħożija. Meta mietet, telaq fid-deżert; wara sitt snin, ġie ordnat saċerdot mill-isqof Fabjan li riedu kollaboratur tiegħu f'Antjokja. Mill-ewwel għamel isem bħala predikatur (il-kultura profonda tant irnexxielu jgħaqqadha mas-sengħa fl-oratorija li kien anki jiskorri s-sagħtejn bla ma jdejjaq!): il-laqam li tawh sekli wara jirreferi għal din l-elokwenza għax ifisser "Fomm tad-Deheb".

Il-ħeġġa li kien juri biex jibdel lis-semmiegħa wasslet biex inħatar arċisqof ta' Kostantinopli – djoċesi tassew importanti. Il-ħidma tiegħu f'din il-kariga kienet mifruxa sew: evanġelizzazzjoni 'l barra mill-belt; twaqqif ta' sptarijiet; purċissjonijiet kontra l-eretiċi Arjani; priedki mill-iktar imħeġġin kontra l-vizzji u d-difetti li kien jara madwaru; twissijiet lir-reliġjużi għażżenin jew miġbudin lejn il-ġid materjali. Peress li qatt ma baża' jistqarr il-verità (u ma ppruvax ikun diplomatiku), saħansitra sofra l-eżilju – darbtejn! Il-papa Innoċenz I ħareġ digriet li kellu jerġa' jieħu postu iżda l-ħruxija li sofra mis-suldati wasslet għat-tmiem ta' ħajtu fis-sena 407 (ta' xi sittin) qrib il-belt ta' Gumenek – fit-Turkija tal-lum. Xi tletin sena wara, ġismu ttieħed lura lejn Kostantinopli fejn kien hemm folol kbar jistennew biex jagħtuh il-qima li kien jixraqlu.



Ma għandix fejn nagħti informazzjoni fuq il-bosta xogħlijiet tiegħu li waslulna (kummenti fuq l-Iskrittura, ittri ta' tagħlim, trattati esiġetiċi, talb liturġiku, eċċ); insemmi biss żewġ tifħiriet li għamel lil San Ġorġ: sejjaħlu tant kmieni – mank kien għadda seklu – "Prinċep tal-Martri" u "Ewlieni fost il-Martri".

*Il-Prof. Conti wera dan l-għaref fil-ġenb ta' waħda mit-twieqi tal-Kor tal-bażilka. Ta' min jaqra l-istudju ta' Dun George J. Frendo fil-volum enċiklopediku "San Ġorġ" – paġni 129-130.*




MONSINJUR SALV BORG PREL. D'ON. DI S.S.
ARĊIPRIET EMERITU TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ
30.VII.1944 - 27.IX.2007

Il-Belt Victoria
Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Settembru - Ottubru 2007 Suppliment

# Orazzjoni funebri f'ġieħ Monsinjur Salv Borg, arċipriet emeritu tal-bażilika ta' San Ġorġ u Prelat ta' l-Unur tal-Qdusija Tiegħu minn Mons. Ġużeppi Farrugia



***Bażilika San Ġorġ - il-Ħadd 30 ta' Settembru 2007***

"Itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib", kien qal Ġesù lill-eqreb ħbieb tiegħu f'dik il-lejla drammatika, u daqstant salvifika, tal-Ġetsemani. Imma ħbiebu, l-egħżeż fost ħbiebu, flok marru jitolbu marru jorqdu. Li kieku, flok raqdu, qagħdu jishru kienu mhux biss jitolbu ma' Ġesù imma kienu wkoll jitgħallmu minnu kif għandhom jitolbu. Kienu jisimgħu lil Ġesù jitkellem mal-Missier: "Warrab minni dan il-kalċi; madankollu, ikun mhux li rrid jiena imma li trid int".

Jiena smajtu lil Ġesù jtenni dawn il-kelmiet permezz ta' fommok, għażiż Monsinjur Salv Borg, wisq għażiż Dun Salv, fl-aħħar sigħat ta' l-agunija tiegħek.

Dakinhar, lilek li qatt ma nafek tokrob, smajtek tlissen minn taħt l-ilsien b'delikatezza liema bħalha ma' oħtok, il-familja tiegħek u aħna li konna madwarek: "Skużawni li qed nokrob".

Imma l-kelmiet ta' fommok li laqtuni aktar – wisq aktar – minn dawn kienu dawk ta' Ġesù lill-Missier tas-Sema: "Ikun li trid int! Ikun li trid int!".

La jiena u lanqas ħadd minna li nifformaw din il-komunità Kristjana ta' San Ġorġ m'aħna qatt sa ninsew il-predikazzjoni tiegħek, tagħlim ippreżentat b'viżjoni, kelma mirquma u ħeġġa li tittieħed. Imma jiena u – aktar minni – oħtok Marija, żewġha u wliedha... iva, aħna lkoll li akkumpanjajniek fil-marda tiegħek m'aħniex sa ninsew żgur l-ispirtu tiegħek, fil-bidu, ta' tama inkrollabbli fil-fejqan, imbagħad ta' rassenjazzjoni eżemplari għall-pjan ta' Alla u, meta t-tbatija bdiet tagħfas fuqek, ta' għotja spiritwali lil Alla: "Ikun li trid int".

Il-mewta tiegħek, Dun Salv, kienet il-mewta



Monsinjur Salv Borg Prel. d'On. di S.S.
Arċipriet Emeritu tal-Bażilika ta' San Ġorġ
30.VII.1944 - 27.IX.2007

tal-qaddisin. Għax il-qdusija għext int bħala Kristjan, bħala qassis membru bikri tal-Moviment b'Risq il-Qdusija, bħala ragħaj spiritwali ta' din il-parroċċa, predeċessur meqjum tiegħi, suċċessur indenn tiegħek.

Inti fittixt il-qdusija f'ħajtek, Dun Salv. Fittixt, imma, mhux dik il-qdusija tal-geddum twil u awto-kundannatorja tal-Fariżew li jiftaħar li hu aħjar mill-Pubblikan. Lanqas ridt dik il-

qdusija awto-emottiva, sfortunatament tant popolari f'ċerti ċrieki tal-Knisja tagħna, li twarrad f'mumenti partikulari bħaż-żerriegħa li tikber f'salt imma li għeruqha jkunu ħfief u malajr tinxef għax tkun illużorja u mumentarja.

Il-qdusija li kont tfittex int, Dun Salv, kienet dik iddettata mir-raġuni tal-fidi, sobrja għax taf li mġarrba bħall-inbid f'ġarar tal-fuħħar, ordinarja f'għajnejn min kien jafek, imma vera, umli u ambizzjuża biex tilħaq il-massimu tal-perfezzjoni. Kif? Permezz tat-talb regolari u l-meditazzjoni assidwa, permezz ta' l-ispirtu ferrieħi u l-eżempju t-tajjeb, permezz ta' l-ubbidjenza lejn l-isqof u l-għaqda tiegħek mal-Knisja, permezz tal-ġenerożità saċerdotali tiegħek f'din il-komunità Kristjana u fid-djoċesi kollha ta' Għawdex, permezz tal-lealtà tiegħek lejn San Ġorġ u lejn ir-realtà misterjuża ta' din il-parroċċa maħbuba, u permezz ta' l-imħabba tiegħek magħna u għalina l-Ġorġjani.

Meta inti fuq is-sodda tal-mewt tennejt għal bosta drabi "Ikun li trid int", inti ma kontx tlissen kelmiet l-attur tal-palk miktuba għalih biex jagħtihom dehra ta' verità, imma kont qed tesprimi l-verità tal-ħajja tiegħek.

Għalhekk bkejniek u qed nibkuk. Għax bil-mewt tiegħek il-verità, fi gżiritna, ta' saċerdozju Kattoliku għaqli, ħanin, fiduċjuż fl-oħrajn, ferrieħi, razzjonali, umli u ħanin safa ltim.

Kemm sibtek, għażiż arċipriet tiegħi, fid-disa' snin u ftit aktar ta' servizz li jien tajt bħala arċipriet f'din il-bażilika u fil-belt Victoria. Minħabba fija żgur li mort il-ġenna! Qatt ma ċaħħadtni minn parir. U minkejja li inti, għax fiduċjuż fl-imħabba li int kont tara fija għal San Ġorġ, ħallejtni fil-libertà li bħala suċċessur tiegħek nagħmel għall-parroċċa dak li kont inħoss li għandu jsir, jiena qatt ma għamilt xejn mingħajr il-faraġ tal-kunsens tiegħek.

Iva, nhar il-Ħamis, meta Alla sejjaħlek għal għandu, bkejniek, u għadna nibkuk. Imma d-dmugħ tagħna, għażiż ħija fis-saċerdozju, iġelben minn għajn li m'hix biss il-qalb maqsuma ta' parroċċa mnikkta, imma wkoll minn ruħ merfugħa fil-fidi u mogħnija bil-fiduċja li l-preżenza tiegħek fostna sa tibqa' sħiħa, għax hekk irid Alla minn dawk li huma tiegħu.

Għalhekk sa tibqa' miftakra l-preżenza tiegħek fost il-membri ta' l-Azzjoni Kattolika u tas-Soċjetà tad-Duttrina Kristjana, l-istudenti tiegħek fis-Seminarju Minuri, it-tfal u ż-żgħażagħ ta' l-*Oratorju Don Bosco* u tal-*Victoria Scout Group*, ħutek fil-moviment *Pro Sanctitate*, is-seminaristi tad-djoċesi u – ikolli ngħid, xi tridni nagħmel – is-*supporters* tal-Milan, li tant ferrħuk meta għamluk president onorarju tal-*Milan Supporters Club*. Hawnhekk biss ma konniex niftehmu!

Iva, sa tibqa' miftakra l-preżenza tiegħek ta' tagħlim u divertiment tajjeb f'tant djar permezz tal-programmi tiegħek fl-*RTK* u f'*Leħen il-Belt Victoria* – ir-radju tal-komunità tal-parroċċa tagħna, permezz tal-kompożizzjonijiet letterarji li ppreżentajt fuq il-palkijiet tat-*Teatru Astra*, l-Oratorju, l-Azzjoni Kattolika u s-Seminarju, u fi kważi l-knejjes parrokkjali kollha ewlenin ta' Malta u Għawdex, fejn il-kapaċità straordinarja tiegħek għall-predikazzjoni mbuttatek biex tilqa' kull sejħa biex tgħallem u tfaħħar lill-Mulej fil-Verġni Mbierka u fil-qaddisin tiegħu.

M'għandix dubju li fil-mument tas-sejħa l-kbira li għamillek Binha Ġesù, li qed niċċelebraw illum, l-imqaddsa verġni Marija, li taf kemm fuq din l-art inti għożżejtha fil-qalb ta' qalbek u x'kotra kbira ta' devoti ħadtilha f'Lourdes biex iżuruha, laqgħetek b'idejha miftuħa u għannqitek magħha bl-imħabba li ssaffi kull nikta.

Jistax ikolli... jistax ikollna dubju kif laqgħek San Ġorġ! Hawnhekk, jekk s'issa ġelben ma' ġbinna dmugħ ta' niket, jixref f'għajnejna d-dmugħ tal-ferħ. Għax inti issa qiegħed ma' San Ġorġ. Tistax qatt tkun għalina l-ġenna għamara barranija ladarba hemm imsebbaħ fiha Ġorġi: qed jistenniena, imxennaq għalina li nħobbuh, imġennen biex jifraħ bina bħalma feraħ u qed jifraħ b'missirijietna!

Arċipriet, inti dejjem għidt li min m'hux Ġorġjan ma jista' qatt ikun jaf xi jfisser tkun Ġorġjan... xi jfisser tkun tħobb lil San Ġorġ u tkun tħobb lil din il-knisja, personifikazzjoni tal-fidi Kristjana ta' poplu mnebbaħ mill-misteru ta' San Ġorġ, imħares minnu u merfugħ bih. Imma int, jiena, u l-kotra l-kbira tal-poplu Kristjan miġmugħ hawnhekk biex jagħtik it-tislima tiegħu f'dan il-mument solenni tal-ħajja tiegħek, nafu xi jfisser tkun Ġorġjan, u nitolbu biex min dan ma jafux ikollu l-grazzja li jitgħallmu.

Għażiż Monsinjur Arċipriet, jiena... aħna, l-ulied spiritwali ta' din il-parroċċa għażiża, nistqarru b'solennità li nibqgħu ngħożżu t-tagħlim u l-eżempju tiegħek fostna. Bħalek, quddiem il-Missier, intennu l-kelmiet: "Ikun li trid int", u miegħek, fil-ħeġġa għall-qdusija, nistinkaw biex ngħixuhom.

Fl-imħabba tiegħek għal Ġesù, sofferenti fuq is-salib u rebbieħ fuq il-mewt, inġeddu l-imħabba tagħna. Fir-rabta ta' lealtà tiegħek lejn il-Knisja

*Ikompli fl-paġna 10...*

# Mons. Salv Borg (1944-2007)
## Teżor fl-istorja tiegħi u tagħna

**Francesco Pio Attard** - francescopio@waldonet.net.mt

*"Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja"* (Apok 2:10).

Titkellem fuq xi ħadd li ħalliena qatt m'hi ħaġa ħafifa, imma titkellem fuq Dun Salv m'hi ħafifa xejn! "Dun Salv", iva... għax hekk kont nafu lill-arċipriet tiegħi, kif hekk kien jafu kulħadd f'San Ġorġ. Meta dħalt abbati u ftit ftit bdejt insir iktar familjari ma' dan l-ambjent li għallimni u għamilni nies, lilu sibt jilqagħni bħal missier, iħobbni bħal iben. Kien fi żmien Dun Salv li jien irċivejt għall-ewwel darba l-Ewkaristija u mbagħad il-Konfirmazzjoni fil-parroċċa tiegħi, imma kellu jgħaddi ħafna iżjed żmien biex sirt naf tassew it-teżor li hu kien. U l-aħħar ġimgħat ta' ħajtu, li ġew fuqna – daqskemm fuqu – ħabta u sabta bla qatt stennejnihom tant mgħaġġlin, kixfuli iżjed kemm persuntu kienet f'qalb kulħadd, Ġorġjani u m'humiex. Għax min kellu jgħidli li, ħmistax biss wara li kont miegħu fl-istudjows ta' *Leħen il-Belt Victoria* fejn stedinni għal wieħed mill-programmi popolari tiegħu ta' diskussjoni, kellu jidħol l-isptar biex ma jerġax joħroġ!

Għalhekk bkejt dakinhar tal-Ħamis 27 ta' Settembru 2007, kmieni wara nofsinhar, meta l-Kan. Felix Tabone ċempilli biex jgħidli li Dun Salv kien ħalliena. Kont għadni dieħel mill-irtir tal-bidu tal-ħames sena tiegħi fis-seminarju... bejn demgħa u oħra ftakart kif Dun Salv, bit-talb u kultant b'xi kelma kif kien jaf jgħidha hu, dejjem kien hemm bil-preżenza sempliċi tiegħu biex isostnini fit-triq li qbadt nimxi. Kont inħossha din il-preżenza tiegħu, spiss siekta iktar milli storbjuża, fil-ħajja tiegħi; f'dan kien jeċċella! Tul l-irtir donnu f'moħħi baqgħet tidwi l-konvinzjoni li xejn ma kien ħa jiġri qabel jien stajt noħroġ u ngħix b'intensità kull mument tal-passaġġ tiegħu mill-art għas-sema, kif kont għext qribu fl-aħħar ġimgħat ta' ħajtu. U hekk kien tassew...

Il-Mulej kien tani l-grazzja kbira li mort żortu l-isptar *San Luqa* kemm-il darba, tul il-kważi xahar li qatta' hemm... mort ma' tad-dar, ma' sħabi s-seminaristi, u anki meta żaruh l-arċiprieti Farrugia u Cardona flimkien ma' l-isqof Mons. Mario Grech. Żammejt id-dmugħ milli jixref minn xfar għajnejh narah hemm, f'qiegħ ta' sodda, meta ħsiebu kien dejjem x'seta' jagħmel iżjed fl-għalqa tal-Mulej. Imma anki hemm kien ubbidjenti u prudenti, kif kien f'ħajtu kollha, irrassenjat fl-imħabba ta' Sidu, li warajh mexa b'fedeltà li tgħaġġeb: "Ikun li trid Int". B'dawn il-kwalitajiet, li għamlu lil Dun Salv il-bniedem sabiħ u uniku li kien, hu rnexxielu jerfa' fuqu l-piż tal-parroċċa ta' San Ġorġ, bħala ragħaj umli tagħha, impenn li hu ntalab iwettaq, u għalkemm ftit kellu xewqa li jidher jew imexxi, imma aċċetta b'dik l-ubbidjenza inkundizzjonata tiegħu u mġiegħel mill-imħabba tħeġġeġ f'qalbu għal San Ġorġ u għal dak kollu li hu Ġorġjan. Sewwa qal Mons. Ġużeppi Farrugia fl-orazzjoni funebri li għamillu fil-funeral: hu għallimna xi tfisser tkun Ġorġjan, u allura xi tfisser tkun Kristjan. Fih donnu ma stajtx tagħżel bejn it-tnejn, tant kemm kien konvint li waħda tirrifletti l-oħra! X'eżempju akbar seta' Alla jibagħtilna fostna ta' qdusija u mħabba?

Aħfirli, Arċipriet, għax naf li lilek ftit jogħġbuk l-eloġji, imma ħallini talinqas għal darba nżid tiegħi mal-kuruna ma taqta' qatt ta' tislimiet li ħafna tawk bil-kitba. Irrid li tiegħi wkoll tibqa' mfakkra, mhux bi kburija, imma b'sinjal ta' qima u rispett lejk, għax bik is-sinsla tad-dahar ta' ħajti kompliet tinbena u fija l-marka tiegħek hi wisq evidenti, għax jien prodott tiegħek u ta' l-għożża li biha kont missier għalija. Ma nista' qatt ninsa l-għafsa li biha dakinhar qbadtli idi minn fuq is-sodda tat-tbatija tiegħek biex, kif dejjem għamilt, tnissel fija kuraġġ u tama. Kif f'ħajtek ħabrikt dejjem biex tkun appostlu mħeġġeġ tal-Mulej, fuq is-sodda tal-mewt li malajr belgħetek sirt vittma, offerta tfuħ lill-Missier.

Għawdex kollu, u mhux San Ġorġ biss, fehem xi bniedem kbir kien tilef. Minn qabel dan seħħ il-bażilika ta' San Ġorġ kienet diġà mtliet bin-nies għal velja ta' talb għalih, l-Erbgħa 26 ta' Settembru, immexxija mill-arċipriet il-ġdid


foto joe attard

Mons. Pawlu Cardona, li tant kien qrib tiegħu fil-moviment *Pro Sancitate*. Dakinhar stess tal-Ħamis 27, filgħaxija, il-ġisem mejjet tiegħu nġab fuq dgħajsa lejn Għawdex, akkumpanjat minn Mons. Farrugia u xi oħrajn. F'San Ġorġ bdiet tħejjija l-aktar intensa għall-funeral, li ma setax ma jkunx kbir, la hekk kbir kien il-bniedem li kien sa jiċċelebra! Fil-belt Victoria l-bnadar *mezz'asta* kienu sinjal għal kulħadd li ħalliena arċipriet u saċerdot maħbub.

Qalb il-mewġ ta' bidliet u forsi wkoll xi ftit instabbiltà li kienet rat il-parroċċa fl-aħħar jiem, ma setax kien hemm jum li wera aqwa l-għaqda tal-komunità parrokkjali Ġorġjana minn dak tal-Ħadd 30 ta' Settembru 2007. Ma kienx hemm familja Ġorġjana li ma ħarġitx bi ħġarha biex issellimlu lil Dun Salv. Fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex il-familja tiegħu li għexet miegħu kull mument tat-tbatija tiegħu – oħtu Maria u żewġha Carmel, u wliedhom Antonella, George Louis u Christian – kienu miġbura madwar ġismu biex jibdew miegħu l-aħħar pellegrinaġġ qabel id-difna. Ikolli ngħid li rajthom sbieħ wisq ħaddejh ħamrana hekk kif, flimkien ma' sieħbi Simon M. Cachia, dħalt, mhux mingħajr tregħid, nakkumpanja lil kuġinuh il-Kan. Ġużeppi A. Borg, fil-kamra mortwarja. Hemm kien, fit-tebut miftuħ, dejjem b'dik it-tbissima li lanqas għal waqt wieħed ma' ħarbet minn fuq wiċċu, anki meta qalbu kienet qed tbati ħafna. Għamel minn kollox biex jibqa' jispira fiduċja u ferħ fost l-oħrajn, għax din kienet l-idea ċara f'moħħu tal-fidi Kristjana – fidi li tiġi mgħixa b'ferħ u wkoll xi ftit umoriżmu, fidi ta' Alla li hu ħaj. Min għex miegħu dan ma damx biex fehmu. Minn hemm, wara l-ewwel riti, f'xi s-14.15 telaq il-korteo lejn il-knisja tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fi Triq Palma, l-istess triq li fiha kien jgħix Dun Salv fid-dar tal-familja tiegħu.

Bejn is-14.30 u l-17.00 serbut ma jaqta' qatt ta' Għawdxin u Maltin żaru dik il-knisja biex isellmu l-fdalijiet ta' Dun Salv, fejn baqgħet għaddejja talba waħda lil Alla biex jilqgħu fi ħdanu. Il-kapitlu tal-kolleġġjata Ġorġjana ngħaqad ma' dawn il-mijiet biex fl-16.30 l-arċipriet Cardona mexxa t-talba ta' l-Għasar tal-Mejtin, flimkien ma' bosta saċerdoti oħra. Hekk kif intemm, it-tebut inġarr f'korteo lejn Triq it-Tiġrija, Pjazza Indipendenza, Triq San Ġużepp, u fl-aħħar żbokka fi Pjazza San Ġorġ, fejn it-tokki kiebja tal-qanpiena l-kbira laqgħuh fil-bażilika. Il-purċissjoni kbira tan-nies li akkumpanjaw il-korteo, uħud minnhom b'bukketti ta' fjuri f'idejhom, sabet knisja ġa mimlija sa ruħ ommha, b'nies minn kull qasam tas-soċjetà li ġew biex isellmu għall-aħħar darba l-fdalijiet umani ta' bniedem li diġà l-fama tal-qdusija tiegħu




hi mxerrda... mhux il-qdusija li tagħmel ħoss artifiċjali, imma l-qdusija sempliċi, naturali, kważi awtomatika, li tispikka fil-bniedem li jipprova jgħix ir-rieda ta' Alla b'sabar u mħabba liema bħalhom. B'dan Dun Salv sar eżempju għall-kotra.

'Il fuq minn mitt qassis telgħu, minn biswit it-tebut imqiegħed fuq l-art tal-presbiterju, ibusu l-altar bażilikali li min jaf kemm drabi Dun Salv minn fuqu xerred il-grazzji ta' Alla biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Imfittex kif kien, anki Malta u barra, għall-predikazzjoni, u dejjem żelanti fl-amministrazzjoni tas-sagramenti – l-aktar dak tal-Qrar – il-persuna tiegħu saret sinonima maż-żewġ imwejjed tal-Kelma u ta' l-Ewkaristija. Kelmtu kienet taħji, għax kienet ħierġa minn ħajja mgħixa u mfassla fuq il-Kelma ta' Alla u mhux biss priedka maħsuba bir-reqqa... il-pinna tiegħu kienet kapaċi ssawwar, b'dik il-kapaċità speċjali li kellu, xogħlijiet mill-isbaħ, imma ħajtu kienet xogħol ta' l-arti iktar imprezzabbli, għax kapulavur tal-Ħallieq tiegħu, li ma baqax lura milli jżejnu b'doni u virtujiet hekk sbieħ.

M'għandniex xi ngħidu, il-funeral reġa' wera s-sens serju ta' organizzazzjoni u liturġija f'San Ġorġ. F'mument ta' dieqa wieħed malajr jaħbat jinfixel, imma għal Dun Salv kollox sar bl-akbar imħabba, u forsi iktar jagħmel sens jekk iċ-ċelebrazzjoni

tal-funeral tiegħu nsejħilha "luttu ta' ferħ". Il-kor *Laudate Pueri* anima ċ-ċelebrazzjoni bil-kant, waqt li l-poplu seta' jieħu sehem bl-għajnuna wkoll tal-ktejjeb li tqassam. Lejn l-offerti tqassmet "santa" b'tifkira ta' Mons. Borg. Kollox ixxandar fuq l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria*, li min jaf kemm instema' leħnu fuqu għax tiegħu kien kollaboratur attiv, u l-websajt parrokkjali ma naqsitx li żżomm lil kulħadd aġġornat, hekk kif hi kienet li għamlet pubblika l-mewt tiegħu, mument li minnu 'l quddiem fuqha ma waqfux lanqas għal ftit il-kummenti f'ġieħu.

L-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech mexxa l-funeral, akkumpanjat miż-żewġ arċipreti, il-Kan. Borg, u l-Kan. Ġwann Scicluna, ziju ta' Dun Salv. Fl-omelija tiegħu, ispirat mill-vanġelu tal-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, huwa tkellem, fost l-oħrajn, fuq x'bniedem ta' kompassjoni u żelu pastorali liema bħalu kien l-arċipriet Borg. Spiss kont issibu fil-konfessjonarji tal-bażilika li, fi kliem Mons. Grech, huma fost l-aktar iffrekwentati tal-gżira, lest biex jagħti l-maħfra ta' Alla lil dawk li jersqu jfittxuha. Għex l-imħabba fil-perfezzjoni tagħha, żgur, bħal Pawlu fl-ittra tiegħu lir-Rumani, li ħadd u xejn ma jista' jifirdu mill-imħabba ta' Kristu Ġesù. Għalhekk il-Knisja f'Għawdex tilfet iben kbir.

Iżjed u iżjed kommoventi kienet l-orazzjoni funebri li għamillu Mons. Ġużeppi Farrugia, suċċessur tiegħu, lejn tmiem il-quddiesa, wara l-kant tal-Liebra. Mons. Farrugia, kważi jibki, tenna kif f'Mons. Borg sab missier li kien dejjem hemm għalih fid-deċiżjonijiet li ħa bħala suċċessur tiegħu. Fih San Ġorġ kellu għalliem kbir. Kliem l-arċipriet Farrugia kien ħiereġ minn qalb ta' iben li tgħallem xi jfisser tkun Ġorġjan mingħand Dun Salv, benefattur fil-veru sens tal-kelma; ma setax ma jħallix lil kulħadd fil-knisja b'demgħa f'għajnejh. Għall-quddiesa kienu preżenti wkoll il-biċċa l-kbira tas-seminaristi tad-djoċesi; Dun Salv, jew "iz-ziju Salv", kif kien magħruf fosthom, għadda sena viċirettur fis-seminarju maġġuri ta' Għawdex, b'sagrifiċċju personali imma b'sodisfazzjon personali kbir.

Il-ħruġ tat-tebut mill-bażilika, sagħtejn wara li daħal, kien festa oħra. Laqgħetu fil-bieb il-banda ċittadina *La Stella*, li tagħha kien direttur spiritwali tul is-snin li għamel bħala arċipriet emeritu. Għal din l-okkażjoni d-direttur mużikali Mro Prof. Joseph Vella kkompona l-marċ *In memoriam Mgr Salv Borg*, li bih u b'marċi oħra funebri l-korteo mexa sa salib it-toroq it-Tiġrija. Xħin wasal quddiem il-każin tas-Soċjetà *La Stella*, li Dun Salv tant ħabb u ħadem għall-palk tiegħu, it-tebut merfugħ fuq l-ispallejn iddawwar lejh f'tislima aħħarija. Kien korteo dekoruż u n-nies miġmugħa sa l-aħħar



biex issellimlu donnha lanqas riedet tħallih jitlaq. Ma nafx liema wiċċ ma xxarrabx bid-dmugħ dakinhar!

Inqis ruħi b'xortija tajba wisq li, l-istess kif bdejt il-mixja ma' Dun Salv mill-isptar, issa seħibtu sa l-aħħar lejn iċ-ċimiterju *Santa Marija Addolorata*, fejn kellu jindifen. Fil-preżenza ta' bosta saċerdoti, fosthom ukoll is-Salesjan Fabio Attard li kien ħdejh fil-waqt tal-mewt tiegħu, it-tebut bil-ġisem ta' Dun Salv niżel f'qiegħ l-art darba għal dejjem. Imma jekk ġismu ntradd lill-art, nemmnu li ruħu hi fit-tgawdija tas-sema, għand il-Missier, u fostna tibqa' biss it-tifkira ta' bniedem – Kristjan, saċerdot u Ġorġjan – u ta' ġrajja kbira li kienet il-funeral tiegħu. Dun Salv jibqa' għalina bniedem speċjali, imfittex minn kulħadd għan-natural tiegħu, jispirak bil-ħeġġa għall-Vanġelu, attiv daqskemm kontemplattiv fis-saċerdozju tiegħu, mexxej prudenti fi kliemu u mġiebtu... dejjem jilqgħek b'dik it-tbissima unika tiegħu.

Issa ma narakx iżjed, Dun Salv, bilqiegħda wara l-kompjuter hekk kif nidħol fl-uffiċċju, hemm fejn spiss kont titlobni ngħinek f'xi biċċa xogħol teknika li ma tantx kont tinqala' għaliha! Fil-ħeġġa li kellek biex tagħmel il-ġid, anki dan tgħallimt. Il-persuna tiegħek kienet tant tiġbidni li soptu kont inħalli li qed nagħmel biex nagħtik daqqa t'id. Issa tinsab fis-sema, għax id-drammi li tant ittajpjajt u li ħallejtna naħdmu, issa ħallew posthom għall-att finali tad-dramm ta' ħajtek fis-sema, fejn tgħammar qiegħed fil-glorja ma' Kristu Rebbieħ u ma' Ġorġi, il-maħbub ta' qalbek. Ħares lejna u tinsiniex. Ibqa' għallimna l-umiltà li biha nkunu qaddejja għal xulxin, kif int sirt għall-poplu ta' Alla. U għallimna l-imħabba li biha int ħabbejt lil Kristu u lill-Knisja, imħabba li, kif għallimthielna int, qatt ma tista' tiħassar minn fostna, anzi tibqa' monument ħaj tiegħek f'din il-komunità li temmen.

"Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien sa nafdak fuq ħafna. Idħol fl-hena ta' Sidek" (Mt 25:23).

# INSELLMULE



















**1** It-tebut fil-knisja tas-sorijiet Franġiskani. **2** Ħbieb tal-mibki Mons. Borg j
Mons. Salv Borg fil-bażilika ta' San Ġorġ. **4** Għadd sabiħ ta'qassisin jikk
minn quddiem il-każin Astra, post fejn Mons. Borg kien direttur spiritwali
għall-aħħar darba. **7** L-isqof tad-djoċesi l-E.T. Mons. Mario Grech imexx
ta' Mons. Salv Borg jingħata tislima mill-banda La Stella permezz tal-mar
għall-funeral. **10** Il-bażilika ta' San Ġorġ mimlija bin-nies qed jagħtuh l
ibierek it-tebut bil-ġisem mejjet ta' Mons. Salv Borg. **12** L-aħħar mumen

# K DUN SALV



















tennew li jinħareġ it-tebut mill-knisja. **3** Il-korteo li jwassal it-tebut ta' ċelebraw waqt l-aħħar tislima lil Mons. Salv Borg. **5** It-tebut jgħaddi ħal bosta snin. **6** Il-bażilika Ġorġjana tilqa' lill-arċipriet emeritu tagħha -quddiesa fil-funeral ta' Mons. Salv Borg. **8** It-tebut bil-ġisem mejjet unebri miktub għal din l-okkażjoni. **9** Il-komunità Għawdxija preżenti ħħar tislima. **11** Il-kanonku Ġwann Scicluna, iz-ziju ta' Mons. Borg, qabel id-difna.

**Is-Saċerdot: Ministru tal-Kompassjoni** - (Qari: Is 25:6-9; Rum 8:31-35,37-39; Mt 14:13-21)

# *Omelija ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, fil-funeral ta' Mons. Salv Borg, arċipriet emeritu*

**Bażilika San Ġorġ, Victoria – Il-Ħadd 30 ta' Settembru 2007**

Konna nafu li Dun Salv Borg kien irrikoverat fl-isptar, imma naħseb li taqblu miegħi jekk ngħid li l-aħbar tal-mewt tiegħu ħasditna. M'inhiex ngħid dan biss minħabba l-età li kellu, imma wkoll għax sa ftit ġimgħat ilu kien għadu għaddej bit-twettiq tal-ministeru tiegħu, partikularment bil-priedki tiegħu. Meta ċempluli u qaluli li Dun Salv ħalliena nħsadt, u għamilt daqsxejn ta' eżami tal-kuxjenza u għidt lili nnifsi: Min kien sa jgħidlu li f'xahar sa jmut u jidher quddiem Alla? Jien konvint li Dun Salv kellu intuwizzjoni ta' din il-ħaġa. Imma din ir-riflessjoni nagħmilha għalija u għalikom biex dan ikun mument ta' grazzja għalina.

Aħna nistgħu nidhru quddiem Alla minn mument għall-ieħor u sew jekk jien isqof, sew jekk int saċerdot jew jekk inti miżżewweġ, ilkoll sa nidhru quddiem Alla u rridu nagħtu kont ta' għemilna. Xi darba tista' tgħid li għadu ż-żmien, imma xemx u xita Alla jaf meta! M'inhiex qed ngħid dan b'sens ta' biża', imma biex inkunu mħejjija. Nassigurakom li jekk intom għandkom il-biża' biex tagħmlu dan il-passaġġ, daqshekk ieħor għandna jien u sħabi s-saċerdoti. Aħna m'għandna l-ebda superjorità fuqkom; aħna bnedmin tad-demm u l-laħam. Bħalma l-Mulej ta lilkom, ta wkoll lilna ċerti responsabbiltajiet, u ta' dan irridu nagħtu kont lilu.

Din iċ-ċirkustanza tagħtini wkoll okkażjoni biex nirriflettti ftit fuq il-ministeru tagħna s-saċerdoti. Forsi tgħiduli li dan id-diskors għandi nagħmlu mas-saċerdoti biss. Imma jiena nħoss li għandi nagħmlu magħkom ukoll, għax aħna meħudin minn fostkom għas-servizz tagħkom bħala ministri ta' Kristu. U daqskemm intom tistgħu tgħinuna biex ngħixu l-ministeru tagħna, daqshekk ieħor tistgħu wkoll ma tgħinuniex, biex ma ngħidx ittellfuna! Għalhekk inħoss li huwa xieraq li magħkom illum nagħmel meditazzjoni fuq il-ministeru saċerdotali fid-dawl tal-Vanġelu li għadu kif ixxandrilna.

Fil-Vanġelu Kristu huwa ppreżentat bħala dak li għandu kompassjoni għall-bniedem sofferenti. Kristu huwa dak li jitħassar il-morda u jitħassar dik il-folla li kienet bil-ġuħ. Jiena naħseb li nkun qed nirriflettti t-tagħlim ta' ommna l-Knisja jekk ngħid li l-ministeru tas-saċerdot huwa primarjament parteċipazzjoni minn din il-kompassjoni li Kristu kellu lejn il-bniedem.

Kristu kif juri din il-kompassjoni? L-ewwel billi meta ra l-morda madwaru hu fejjaqhom. Il-ministeru tagħna huwa ministeru li jfejjaq; mhux



daqstant fejqan fiżiku, imma fejqan iktar profond u iktar serju: il-fejqan spiritwali. Tagħmlu sew tiġu għandna f'ħinu u barra minn ħinu biex titolbuna ngħinukom tirċievu dan il-fejqan. Aħna nitolbu lil Alla biex jgħinna namministrawlkom il-mediċina ġusta, f'doża ġusta. Jien persważ li aħna, li nafu lil Dun Salv, nafu kemm kien tabib tar-ruħ, u kemm mhux biss bil-kelma tiegħu imma bl-azzjoni tiegħu fejjaq u pprova jfejjaq ħafna ġrieħi. Mhux dejjem jirnexxielna nagħmlu dan, imma talinqas Dun Salv wera din il-kompassjoni. Jien grat lejn Alla li għandna saċerdoti terapewtiċi bħal Dun Salv.

Din il-kompassjoni Kristu wrieha wkoll ma' dik il-folla nies li kellhom il-ġuħ. Filwaqt li d-dixxipli tiegħu riedu jkeċċuhom u jeħilsu minnhom, Ġesù qalilhom: "Agħtuhom intom x'jieklu". Minkejja li kienu miegħu ma tantx urew kompassjoni! Din il-kompassjoni m'hix xi ħaġa awtomatika imma rridu nikkultivawha. L-Appostli qalulu: "Ibgħathom", jew aħjar: "Eħles minnhom!". Imma Kristu qalilhom: "Ipprovdulhom intom", jew aħjar: "Taffulhom




intom il-ġuħ". Aħna nafu li meta nitkellmu fuq l-ikel qed nitkellmu fuq sustanza essenzjali u vitali għall-ħajja. Għalhekk meta Kristu qed jipprovdi l-ikel lill-bniedem, qed jipprovdilu l-meħtieġ mhux biss biex jgħix imma biex jgħix ħajja ta' kwalità, ħajja ta' bniedem mifdi u maħbub minn Alla. Din hija l-missjoni tagħna s-saċerdoti, maħbubin tiegħi: li bħala ministri ta' Kristu ngħinukom biex tgħixu l-ħajja fil-milja tagħha, ngħinukom biex id-don tal-ħajja tgħożżuh.

Kif patta Kristu għas-sitwazzjoni tan-nuqqas ta' ikel? Kif wera din il-kompassjoni tiegħu? L-Appostli qalulu: "Aħna m'għandna xejn. Għandna biss ħames ħobżiet u żewġ ħutiet". Fi kliem ieħor l-Appostli wrewh il-limiti tagħhom. Ngħidilkom li jiena stess ħafna drabi nagħraf il-limitazzjonijiet umani tiegħi, u jien konvint li dawn sħabi s-saċerdoti jaqblu miegħi li aħna lkoll insibu ruħna f'ħafna ċirkustanzi li fihom nixtiequ nuru kompassjoni magħkom biex ngħinukom tgħixu l-ħajja fil-milja tagħha, imma nsibuna b'idejna vojta għax aħna bnedmin limitati. Huwa proprju hawnhekk li aħna jrid ikollna wkoll dik il-fidi li kellhom l-Appostli li lil Ġesù qalulu: "Ħu dan ix-xejn tagħna, dan il-ftit tagħna ta' ħames ħobżiet u żewġ ħutiet". Kristu jaċċetta din l-offerta fqira u miżera tagħna li hija mimlija bl-imħabba, u kapaċi li dak ix-xejn tagħna jitlob fuqu u jkabbru, ikattru u jagħtih qawwa li jfejjaq.

X'inhu x-xejn tagħna? L-intelliġenza tagħna. Jien l-ewwel wieħed fost dawn ħuti li nħossni l-inqas li naf. Ix-xejn tagħna jirrifletti ruħu wkoll fil-kapaċitajiet tagħna. Min minna huwa daqshekk bravu li ma jiżbaljax fil-metodi tiegħu? Hemm ukoll ix-xejn tar-rieda tagħna. Jien dan kollu nxebbħu ma' dawk il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet. Lil Ġesù ngħidulu: "Dawn tiegħek, Mulej Ġesù. Użahom int biex din il-kompassjoni tiegħek tixtered ma' kulħadd u biex inti tagħti l-ħajja lil kulħadd".

Għeżież tiegħi, Ġesù jagħmel dawn il-mirakli. Araw ftit x'mirakli nagħmlu aħna s-saċerdoti fix-xejn u fid-dgħufija tagħna meta nħallu lil Kristu jinqeda bina. Eżempju ta' dan huwa dak li jseħħ hawnhekk f'dawn il-konfessjonarji ta' din il-knisja bażilika ta' San Ġorġ. Din hija knisja fejn dawk il-konfessjonarji jinfetħu spiss għax ħafna jiġu hawn biex jiċċelebraw ir-rikonċiljazzjoni tagħhom ma' Alla. Jiena nixtieqkom tagħmlu esperjenza ta' xi jfisser tkun konfessur. Taħsbux li hija xi ħaġa faċli. Jiena nitlob lil Alla biex jagħtini d-dawl, il-kelma u l-imħabba biex xħin inkun sa nqarar jagħtini l-kompassjoni ta' Kristu. Jitkellem dan li hawn quddiemna, Dun Salv, li kellu l-konfessjonarju ħafna għal qalbu. Hemmhekk aħna noffru x-xejn tagħna u Kristu juri l-qawwa tiegħu! Kemm drabi jien flimkien magħkom – għax jien ukoll penitent – noħorġu mingħand il-konfessur b'ċerta serenità u bil-paċi f'qalbna! Huwa Kristu li jagħtina l-paċi permezz tal-konfessur.

Il-kompassjoni ta' Kristu tintwera wkoll fil-predikazzjoni tagħna, meta fix-xejn tagħna

nippruvaw nisilfu lil Alla l-kelma tagħna biex bil-Kelma tiegħu jfejjaq il-ġrieħi u jagħti l-ħajja. Jekk aħna noqogħdu naħsbu li sa nidhru quddiem Alla b'din ir-responsabbiltà, ikollna problema għax ma jkunx hawn iżjed predikaturi! Imma aħna s-saċerdoti għandna noffru lil Alla l-fakultà tal-kelma u, filwaqt li nħalluh jinqeda bina, naraw iseħħu l-mirakli. Hawnhekk ukoll jitkellem Dun Salv, li tant kien jgħożż il-ministeru tal-Kelma. Kemm qal kliem, jew aħjar kemm-il darba ħalla l-fomm tiegħu jkun il-mikrofonu ta' Alla u t-tromba tal-Knisja biex bil-Kelma jfejjaq u jagħti l-ħajja! Dan huwa l-ministeru tagħna, għeżież tiegħi.

Ma jfissirx li ma jkollniex mumenti tqal, speċjalment meta jkollna responsabbiltajiet. Hawnhekk jien ukoll inġib quddiem għajnejja lil Dun Salv fid-diversi responsabbiltajiet li kellu fid-djoċesi u f'din il-parroċċa, partikularment fis-snin li għamel bħala ragħaj spiritwali ta' din il-komunità. F'dawk il-mumenti għat-telgħa jagħmlilna kuraġġ dak li qrajna fit-tieni qari tal-lum: "Min sa jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla? Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa, mhux bis-saħħa tagħna, imma bis-saħħa ta' Kristu" (ara Rum 8:35,37). U bħalma Pawlu jagħmel l-istorja tiegħu fl-ittra lill-Korintin, jien ngħidilkom li kull saċerdot mogħti għall-ministeru għandu l-istorja tiegħu, mhux eskluż ħuna Dun Salv. Ikompli jikteb San Pawl: "Għax jien żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien ta' issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna" (Rum 8:38-39). Għax il-qawwa ta' Alla m'hix dawk il-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, imma l-qawwa tagħna hija Kristu li sejħilna u għamilna ambaxxaturi tiegħu. Hija din l-imħabba ta' Alla li, kif jgħidilna San Pawl, ma tħalli xejn milli jifridna minnu, lanqas il-mewt.

Mela anki f'dan il-mument, meta qed nagħmlu din il-liturġija, għandna nimtlew bit-tama għaliex lanqas il-mewt ma tista' tifridna mill-imħabba ta' Kristu. Jiena konvint li fil-mument li fih Dun Salv wasal biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, ma beżax, imma bħal San Pawl qal: "X'sa jifridna mill-imħabba ta' Kristu?".

Għalhekk, għeżież tiegħi, itolbu għalina ħalli aħna nkunu mhux biss ministri tagħkom f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, imma nkunu xhieda għalikom. Ħarsu lejn dan it-tempju sabiħ, mimli b'xhieda. Hawnhekk jiġini f'moħħi San Ġorġ, li jżejjen din il-komunità. Min jaf kemm Dun Salv ispira ruħu mix-xhieda ta' San Ġorġ, li bħal Pawlu wkoll kien jgħid: "Min sa jifridna mill-imħabba ta' Kristu? Għera, taħbit, persekuzzjoni, ix-xabla, il-mewt?"! Għandi tama qawwija li bl-għajnuna tagħkom ikollna *presbiteria* li, għalkemm konxji mix-xejn u d-dgħufija tagħhom, ikunu mimlija bl-imħabba għal Kristu, ħalli mbagħad anki lilkom ngħinukom biex ilkoll flimkien, meta jasal il-mument – u ma nafux meta –, nerġgħu niltaqgħu ma' l-għeżież tagħna.

*...jaqbad minn paġna 2.*

# Orazzjoni funebri f'ġieħ Monsinjur Salv Borg

nġeddu r-rabta tagħna mal-papa, l-isqof u s-saċerdoti tagħna.

Fil-kuntentizza tiegħek bħala Għawdxi, bħala iben il-belt Victoria u bħala Ġorġjan, inġeddu l-ferħ li għandna għall-identità tagħna.

Fl-ammirazzjoni tiegħek lejn is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li tagħha kont tant kburi li inti direttur spiritwali, inġeddu l-ammirazzjoni tagħna.

Fis-servizz tiegħek f'din il-parroċċa Ġorġjana bħala iben spiritwali tagħha, bħala saċerdot, bħala kanonku tal-kolleġġjata, bħala arċipriet u ragħaj ta' l-erwieħ, bħala benefattur, aħna, saċerdoti u lajċi, inġeddu s-servizz tagħna, servizz li llum hu meħtieġ ħafna aktar mill-bieraħ li ma jmurx li nitilfu identità li writna, skola li għallmitna, dar li tferraħna, ħolqa li tgħaqqadna flimkien u isem – l-isem ta' San Ġorġ – li jsebbaħna.

Iva, għażiż Arċipriet, fl-imħabba tiegħek lejn San Ġorġ, il-Martri l-Kbir, inġeddu llum quddiemek l-imħabba tagħna.

Irroddulek ħajr aħna lkoll, kapitlu Ġorġjan u saċerdoti tal-parroċċa u minn diversi ambjenti tal-Knisja lokali, oħtok Marija u żewġha Carmel flimkien ma' wliedhom Antonella, George Lewis u Christian, iz-zijiet tiegħek, fosthom il-kanonku ġwann Scicluna u tant qraba tiegħek, il-kor *Laudate Pueri* u l-istazzjon ta' *Leħen il-Belt Victoria*, is-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, il-komunità Kristjana tagħna kollha, il-membri ta' l-għaqdiet u movimenti Kattoliċi, u tant ammiraturi tiegħek... għall-preżenza tiegħek fostna u għalina.

Nitolbu għalik il-mistrieħ fil-Missier, fiċ-ċertezza li huma ġa miftuħa għalik il-bibien tas-Sema... sa meta – skond it-tama li tissuġġerilna l-fidi – niltaqgħu wiċċ imb'wiċċ fil-ġenna.

## MONS. SALV BORG (1944-2007) – ĦAJTU FIL-QOSOR

**30 Lul 1944** Twieled fil-belt Victoria, iben Wiġi u Maria Antonia mwielda Scicluna. Fl-istess jum tgħammed fil-parroċċa ta' San Ġorġ minn zijuh Dun Franġisk Borg, bl-ismijiet ta' Salvator, Paulus u Antonius. Studja fl-iskola primarja tar-Rabat, fil-*Liceo* u mbagħad fis-Seminarju ta' Għawdex. **23 Mar 1968** Ġie ordnat djaknu mill-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, fil-kappella tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. **11 Mejj 1968** Ġie ordnat presbiteru ma' għaxra oħra minn idejn l-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, fil-katidral ta' Għawdex. Kien l-ewwel grupp li rċieva l-ordinazzjoni minn Mons. Cauchi, dakinhar amministratur appostoliku. **14 Lul 1968** Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni ta' radd il-ħajr fil-bażilika ta' San Ġorġ. **1968-1969** Studja t-Teoloġija Pastorali fl-università pontifiċja tal-Lateran, f'Ruma. Lura fil-parroċċa ta' San Ġorġ kien għal bosta snin segretarju tal-Presbiterju Parrokkjali. Kien ukoll kollaboratur fil-qrib ta' l-*Oratorju Don Bosco* fl-aħħar tas-sittinijiet u l-ewwel snin tas-sebgħinijiet. Kien jagħti l-barka ewkaristika lit-tfal u involut sew fil-palk, speċjalment id-drammi kbar ta' l-aħħar tas-snin sittin, bħall-Passjoni u *Ġużeppi mibjugħ minn ħutu*, fejn kien anki wieħed mill-kittieba ta' l-iskript. **1969-2007** Daħal jaħdem fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex bħala kap tat-taqsima tal-finanzi, fejn imbagħad ħaddan bosta karigi sa mewtu. **1969-1974** Kien segretarju tal-Kummissjoni tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali fi ħdan id-djoċesi ta' Għawdex. **1970-1986** Kien għalliem tal-lingwa Ingliża, ix-Xjenza Ġenerali u l-Ġografija fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex. **1973** Sar segretarju tal-Kunsill Finanzjarju fi ħdan id-djoċesi ta' Għawdex, kif ukoll segretarju tal-Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan. **Diċ 1976** Intgħażel bħala wieħed mill-membri tal-kolleġġjata l-ġdida li twaqqfet fil-bażilika ta' San Ġorġ. **1 Mejj 1984** Ipprofessa f'Ruma bħala *Apostolicus Sodalis*, istitut sekulari li l-isqof Guglielmo Giaquinta waqqaf b'risq il-qdusija tas-saċerdoti, li tiegħu Mons. Borg baqa' membru attiv sa mewtu. **1 Ġun 1986** Ħa l-pussess bħala t-tieni arċipriet tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ, waqt konċelebrazzjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, dakinhar isqof ta' Għawdex. Tul l-arċipretura tiegħu, barra l-ħidma pastorali ma taqta' xejn, twettqu diversi proġetti kbar, fosthom ir-restawr fuq l-istatwi ta' San Ġorġ u tal-Kurċifiss, ir-restawr ta' l-orgni Barokk tas-*Settecento* u l-istallazzjoni ta' orgni diġitali, il-bini mill-ġdid tal-kampnar tal-lvant, u l-monument lill-arċipriet Alfons Marija Hili. **1990** Beda jorganizza l-pellegrinaġġi marjani annwali lejn Lourdes, li baqa' jmexxihom anki bħala arċipriet emeritu. **1996** Beda jieħu ħsieb it-tħejjija tal-Bullettin tal-Ħadd (minn barra) maħruġ kull ġimgħa fid-djoċesi ta' Għawdex, ħidma li baqa' jagħmel sa mewtu. **Frar 1998** Temm l-arċipretura tiegħu f'San Ġorġ. Sar id-direttur spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* tal-belt Victoria. **2002-2003** Mela l-post ta' viċi-rettur fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. **Ott 2005** Ġie magħżul delegat djoċesan tas-*Soċjetà tad-Duttrina Kristjana* f'Għawdex. Għal żmien twil hu kien ukoll assistent ekkleżjastiku taċ-ċirkli ta' l-irġiel u n-nisa ta' l-*Azzjoni Kattolika* fil-belt Victoria. **2006** Laħaq segretarju tal-Kummissjoni Kleru fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex. Dan wara li għal xi żmien kien responsabbli mill-Uffiċċju tal-Kateketika u wkoll segretarju amministrattiv *ad interim* tal-Kurja. **3 Ġun 2007** Ikkonċelebra mal-papa Benedittu XVI fil-quddiesa tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, f'Ruma. **Aww 2007** Inħatar l-ewwel president onorarju tal-*Milan Supporters Club (Gozo)*. **27 Sett 2007** Wara marda ta' diversi ġimgħat, miet fl-isptar *San Luqa*, Malta. Dakinhar filgħaxija ġismu nġab lejn Għawdex fuq dgħajsa u ttieħed l-Isptar Ġenerali. **30 Sett 2007** L-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech mexxa l-funeral solenni tiegħu fil-bażilika ta' San Ġorġ, u wara ġie midfun fiċ-ċimiterju *Santa Marija Addolorata* tar-Rabat.

# Addijo, ħabib!

## Lil Dun Salv Borg, f'jum il-laqgħa tiegħu mal-Mulej

### 27 ta' Settembru 2007

F'ħemda sħiħa u l-baħħ ta' madwari,
bid-dmugħ sħun jaħsel sewwa 'l ħaddejja,
qed nittanta naċċetta u nifhem
kif tlaqt ħesrem, bħal ħolma, minn ħdejja.

U b'din idi tirtogħ'd, kiesħa silġa,
qed ninsiġlek minn qalbi dal-kliem,
għaliex issa bla qatt ma stennejtha,
fija neqred kull sabar, kull sliem.

B'sogħba w diqa niftakar fl-imgħoddi
meta dħakna bil-kif int u jien
kemm hawnhekk u kemm drabi fis-safar
li sifirna kull sena flimkien.

'Mma mhux biss, konna, Salv, tant ninħabbu,
u bħal aħwa fil-qrib imwaħħdin,
li bla ħabi w b'kuraġġ dejjem fhimna
ngħinu b'qawwa w bil-ferħ lil xulxin.

Issa kollox intemm w għosfor f'daqqa,
baqa' biss it-tifkira sabiħa
ta' dak kollu li għadda bejnietna
f'ħajja ħelwa mirquma bil-fwieħa.

U f'dil-għodwa mudlama w sewdiena,
indur lejk, ja Mulej, nistaqsik:
"Għax ħadtuli w ħallejtni nitbekka
jien li b'qawwa ttamajt w emmint fik?".

Kiefra, naf, din is-siegħa tal-biża',
għaliex issa sfajt waħdi mirdum
ġo dagħbien li min hemm qatt ma nitla'
kemm snin ngħaddi f'did-dinja w indum.

Salv, inħeġġek bi sħiħ u rraħħamlek,
titlob issa biex jien niġi ħdejk
bla ma ndum, sabiex nerġgħu ningħaqdu
f'dik l-imħabba li jien għandi lejk!



**Kan. Joe Mejlak**



















## MUMENTI MILL-ĦAJJA TA' MONS. SALV BORG

**1** Fl-ordinazzjoni presbiterali tiegħu mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, f'Mejju 1968. **2** Jiċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu ta' radd il-ħajr, fil-bażilika ta' San Ġorġ, f'Lulju 1968. **3** Jidħol fi Pjazza San Ġorġ għall-pussess tiegħu bħala arċipriet ta' San Ġorġ, f'Ġunju 1986. **4** Fil-konċelebrazzjoni tal-pussess tiegħu ta' arċipriet fil-bażilika ta' San Ġorġ, fl-1 ta' Ġunju 1986. **5** F'wieħed mill-pellegrinaġġi li organizza għal Lourdes. **6** Qed jiġi ppreżentat lill-papa Ġwanni Pawlu II minn Mons. Pawlu Cardona, illum arċipriet ta' San Ġorġ.